IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.9.2020
COM(2020) 493 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

# Rapport tal-Prospettiva Strateġika tal-2020
# PROSPETTIVA STRATEĠIKA – INWITTU T-TRIQ LEJN EWROPA IKTAR REŻILJENTI

# Werrej

SOMMARJU EŻEKUTTIV ........ 1

1. L-INKORPORAZZJONI TAL-PROSPETTIVA STRATEĠIKA FIT-TFASSIL TAL-POLITIKA TAL-UE ........ 1

2. IR-REŻILJENZA BĦALA KUMPASS ĠDID GĦALL-POLITIKI TAL-UE ........ 1

3. ANALIŻI TAR-REŻILJENZA FUQ ERBA' DIMENSJONIJIET ........ 1

3.1. Id-dimensjoni soċjali u ekonomika ........ 1

3.2. Id-dimensjoni ġeopolitika ........ 1

3.3. Id-dimensjoni ekoloġika ........ 1

3.4. Id-dimensjoni diġitali ........ 1

4. AĠENDA TA' PROSPETTIVA STRATEĠIKA ........ 1

4.1 Monitoraġġ tar-reżiljenza ........ 1

4.1.1 Prototip ta' dashboards tar-reżiljenza ........ 1

4.1.2 Ħidma futura għall-monitoraġġ tar-reżiljenza ........ 1

4.2 Attivitajiet orizzontali ta' prospettiva biex jitrawmu politiki effettivi tal-UE mmexxija mit-tranżizzjoni ........ 1

4.3 Aġenda tematika ta' prospettiva strateġika ........ 1

## Sommarju Eżekuttiv

**Il-linji gwida politiċi tal-President von der Leyen jistabbilixxu direzzjoni strateġika fit-tul biex tinkiseb it-tranżizzjoni lejn Ewropa ekoloġika, diġitali u ġusta[1].** Dawn iwittu t-triq biex l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050, biex tkun adatta għall-era diġitali, u biex trawwem l-ekonomija tas-suq soċjali unika u l-ordni demokratiku tagħha.

**Il-kriżi tal-COVID-19 ixxokkjat lid-dinja, u kixfet il-vulnerabbiltajiet kif ukoll żvelat il-kapaċitajiet fl-UE.** Il-pandemija diġà ħadet il-ħajja ta' kważi miljun ruħ madwar id-dinja u wasslet għal tbatija ekonomika, soċjali u psikoloġika. Fl-UE, aggravat l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi: fl-2020, minkejja diversi xbieki ta' sikurezza, il-qgħad huwa mbassar li jitla' għal aktar minn 9 % u d-dħul disponibbli reali jonqos b'1 %, li jaffettwa b'mod sproporzjonat in-nisa u l-familji ifqar[2]. Il-kummerċ diversifikat ħafna tal-UE wera li huwa b'saħħtu, anki jekk id-dipendenza fuq għadd limitat ta' fornituri mhux tal-UE għal xi prodotti u servizzi kritiċi ġiet esposta bħala vulnerabbiltà. L-UE u l-Istati Membri tagħha setgħu wkoll jiddependu fuq l-ekonomiji tas-suq soċjali tagħhom, l-ekosistemi sostenibbli, is-sistemi finanzjarji robusti u qafas ta' governanza effettiv. Il-pjan ta' rkupru għall-Ewropa[3] issa juri t-triq 'il quddiem: Next Generation EU għandha l-għan li tibni Ewropa aktar reżiljenti, sostenibbli u ġusta permezz ta' appoġġ finanzjarju fuq skala kbira għall-investimenti u r-riformi.

**Il-prospettiva strateġika se jkollha rwol ewlieni biex tgħin sabiex it-tfassil tal-politika tal-UE jibqa' validu fil-futur billi tiżgura li l-inizjattivi fuq medda qasira ta' żmien ikunu msejsa fuq perspettiva aktar fit-tul.** Biex tagħmel l-aħjar użu mill-potenzjal tagħha, din il-Kummissjoni għandha mandat b'saħħtu biex tqiegħed il-*prospettiva strateġika* fil-qalba tat-tfassil tal-politika tal-UE[4]. Il-prospettiva strateġika tista' tgħin biex tinbena intelligence kollettiva b'mod strutturat biex titwitta aħjar it-triq 'il quddiem għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali doppji u għall-irkupru mill-interruzzjonijiet. B'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tistabbilixxi kif se tintegra l-prospettiva strateġika fit-tfassil tal-politika tal-UE u tiddeskrivi l-prijoritajiet relatati. Dan huwa vitali, hekk kif qed nidħlu f'era ġdida, fejn il-prospettiva orjentata lejn l-azzjoni se tistimula l-ħsieb strateġiku u ssawwar il-politiki u l-inizjattivi tal-UE, inklużi programmi ta' ħidma futuri tal-Kummissjoni.

**It-tema ċentrali ta' dan l-ewwel rapport hija r-reżiljenza, li saret boxxla ġdida għall-politiki tal-UE bil-kriżi tal-COVID-19.** Ir-*reżiljenza* hija l-abbiltà mhux biss li wieħed jiflaħ għall-isfidi u jlaħħaq magħhom iżda wkoll li jgħaddi minn tranżizzjonijiet b'mod sostenibbli, ġust u demokratiku. Ir-reżiljenza hija meħtieġa fl-oqsma kollha ta' politika għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li jinżamm l-għan ewlieni u l-integrità tal-UE f'ambjent dinamiku u kultant turbolenti. Ewropa aktar reżiljenti se tirkupra aktar malajr,

[1] Unjoni aktar ambizzjuża: Il-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2019-2024.
[2] Il-Kummissjoni Ewropea, Tbassir Ekonomiku Ewropew. Rebbiegħa 2020.
[3] COM(2020)456 final, Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss.
[4] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/mission-letter-maros-sefcovic-2019_en.pdf

toħroġ aktar b'saħħitha mill-kriżijiet attwali u futuri, u timplimenta aħjar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

**Dan l-ewwel Rapport Annwali ta' Prospettiva Strateġika jiddeskrivi kif il-prospettiva se tinforma l-politiki bil-ħsieb li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE f'erba' dimensjonijiet interrelatati: soċjali u ekonomika, ġeopolitika, ekoloġika, u diġitali**. Huwa janalizza r-reżiljenza tal-UE b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19 fil-kuntest tal-aċċellerazzjoni jew id-deċellerazzjoni ta' *megatendenzi* rilevanti, forzi mexxejja fit-tul li x'aktarx se jkollhom influwenza kbira fuq il-futur. Din il-Komunikazzjoni turi kif il-politiki għat-titjib tar-reżiljenza, billi jtaffu l-vulnerabbiltajiet u jsaħħu l-kapaċitajiet, jistgħu jiftħu opportunitajiet ġodda f'kull waħda mill-erba' dimensjonijiet. Dan jinkludi l-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-futur tal-benesseri, ix-xogħol, is-swieq tax-xogħol u l-ħiliet, il-konfigurazzjoni mill-ġdid tal-ktajjen tal-valur globali, ir-riforma tas-sistema kummerċjali tagħna bbażata fuq ir-regoli, il-bini ta' alleanzi f'teknoloġiji emerġenti u l-investiment fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

**Dan l-iffukar ġdid fuq ir-reżiljenza jitlob monitoraġġ mill-qrib**. Din il-Komunikazzjoni tipproponi li jsir progress lejn id-*dashboards tar-reżiljenza*, li, ladarba jiġu żviluppati bis-sħiħ f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra, jenħtieġ li jintużaw għall-valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet u l-kapaċitajiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha f'kull waħda mill-erba' dimensjonijiet. Analiżi bħal din tista' tgħin biex titwieġeb il-mistoqsija: aħna, permezz tal-politiki u l-istrateġija ta' rkupru tagħna, b'mod effettiv nagħmlu lill-UE aktar reżiljenti ?

**L-aġenda ta' prospettiva strateġika se tinkludi attivitajiet ta' prospettiva orizzontali u eżerċizzji tematiċi li jħarsu 'l quddiem.** Għas-sena li ġejja, dawn jinkludu: awtonomija strateġika miftuħa, il-futur tal-impjiegi u l-ħiliet għal u fit-tranżizzjoni ekoloġika, u l-approfondiment tal-ġemellaġġ tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Din l-aġenda se ġġib perspettiva dinamika ta' sinerġiji u kompromessi fost l-għanijiet tal-politika tal-UE, u b'hekk tappoġġa l-koerenza tal-politiki tal-UE.

## 1. L-INKORPORAZZJONI TAL-PROSPETTIVA STRATEĠIKA FIT-TFASSIL TAL-POLITIKA TAL-UE

**Il-Kummissjoni għamlet użu mil-prospettiva għal ħafna snin, iżda issa għandha l-għan li tintegraha fit-tfassil tal-politika fl-oqsma kollha**. Il-*prospettiva*[5] - id-dixxiplina tal-esplorazzjoni, l-antiċipazzjoni u t-tfassil tal-futur - tgħin biex tinbena u tintuża intelligence kollettiva b'mod strutturat u sistematiku biex jiġu antiċipati l-iżviluppi u ssir tħejjija aħjar

[5] *Il-prospettiva strateġika* tiġbed għarfien utli għall-ippjanar strateġiku, it-tfassil tal-politika u t-tħejjija, (Il-Kummissjoni Ewropea, 2017, *Introduzzjoni għall-Prospettiva Strateġika*). Mhijiex tbassir tal-futur iżda esplorazzjoni ta' futuri plawżibbli differenti li jistgħu jinqalgħu u l-opportunitajiet u l-isfidi li jistgħu jippreżentaw. Din tinvolvi l-identifikazzjoni ta' tendenzi u kwistjonijiet emerġenti, l-użu tagħhom biex joħolqu viżjonijiet u mogħdijiet assoċjati biex jittieħdu deċiżjonijiet aħjar u ssir azzjoni fil-preżent sabiex insawru l-futur li rridu.

(https://www.sciencedirect.com/book/9780128225967/science-for-policy-handbook).

għall-bidla. L-iskennjar tal-orizzont[6], il-valutazzjoni tal-megatendenzi, il-kwistjonijiet emerġenti u l-implikazzjonijiet tal-politika tagħhom, kif ukoll l-esplorazzjoni ta' futuri alternattivi permezz ta' żjarat u ppjanar tax-xenarji huma essenzjali biex jiġu infurmati l-għażliet politiċi strateġiċi. Il-prospettiva strateġika b'appoġġ għat-tfassil tal-politika tal-UE ġiet żviluppata għall-ewwel darba permezz tas-*Cellule de Prospective* tal-President Delors. Flimkien mal-immudellar fit-tul[7], minn dak iż-żmien 'l hawn informa ħafna politiki, inkluża l-azzjoni klimatika. Biex tappoġġa l-ambizzjoni fit-tul tagħha ta' kontinent newtrali għall-klima adattat għall-era diġitali, il-Kummissjoni von der Leyen għandha l-għan li tintegra l-prospettiva strateġika fit-tħejjija ta' inizjattivi ewlenin. Dan il-proċess diġà jinsab għaddej - pereżempju, il-Komunikazzjoni adottata reċentement dwar il-Materja Prima Kritika tagħmel użu sinifikanti mit-tbassir[8]. Matul is-snin li ġejjin, l-istabbiliment ta' kultura li tħares 'il quddiem fit-tfassil tal-politika se jkun kruċjali għall-UE biex issaħħaħ il-kapaċità tagħha li tindirizza dinja dejjem aktar volatili u kumplessa[9] u biex timplimenta l-aġenda politika tagħha li tħares 'il quddiem. Dan se jiżgura li l-azzjonijiet fuq perjodu qasir ikunu konsistenti mal-objettivi fit-tul u se jippermetti li l-UE tkun minn ta' quddiem fit-tmexxija tagħha stess u fit-tiswir tad-dinja ta' madwarha.

**Il-prospettiva strateġika għandha tinforma l-inizjattivi ta' politika ewlenin.** Bħala tali, se ssir parti integrali mis-sett ta' għodod tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar, pereżempju f'valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante*. Dan se jiżgura li l-politiki tal-UE jkunu msejsa fuq fehim ċar ta' xejriet, xenarji u sfidi futuri possibbli, speċjalment f'oqsma ta' politika soġġetti għal bidla strutturali rapida. Il-prospettiva strateġika tappoġġa wkoll il-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni regolatorja[10], li jidentifika opportunitajiet biex jitnaqqas il-piż regolatorju tal-Ewropa u jgħin biex jiġi vvalutat jekk il-liġijiet eżistenti tal-UE għadhomx "adatti għall-futur"[11].

**Fluss regolari ta' attivitajiet ta' prospettiva strateġika se jappoġġa t-tfassil tal-politika tal-UE.** Ir-Rapporti Annwali ta' Prospettiva Strateġika jikkontribwixxu għal riflessjoni inklużiva dwar kwistjonijiet ta' importanza strateġika għall-futur tal-Ewropa, janalizzaw ix-xejriet ewlenin, jiddefinixxu suġġetti ta' interess kritiku għall-UE u jesploraw modi biex insegwu l-aspirazzjonijiet tagħna (it-Taqsima 4). It-tħejjija ta' rapporti futuri se tkun ibbażata fuq *ċikli ta' prospettiva sħaħ*[12], inklużi eżerċizzji ta' prospettiva fil-fond u parteċipatorji fuq

[6] L-*iskennjar tal-orizzont* huwa parti mill-analiżi tat-tendenzi u tipikament jintuża biex jiżdied il-kuntest fl-attivitajiet ta' tbassir. Jista' jagixxi bħala forum biex tiġi riveduta u tinqasam l-informazzjoni dwar żviluppi futuri, tiġi pprovduta orjentazzjoni, jiġu identifikati opportunitajiet u jservi bħala sistema ta' twissija bikrija.

[7] L-immudellar juża *data* storika bħala inputs biex isiru stimi infurmati dwar id-direzzjoni ta' xejriet futuri. Il-prospettiva strateġika u l-immudellar huma approċċi komplementari għat-tfassil tal-politika bbażat fuq l-antiċipazzjoni u l-evidenza.

[8] Il-Kummissjoni Ewropea, 2020, Critical Raw Materials for strategic technologies and sectors – a foresight study (doi: 10.2873/58081), accompanying COM(2020)474 final, Critical Raw Materials Resilience: Charting a Path towards greater Security and Sustainability.

[9] https://www.routledge.com/Transforming-the-Future-Open-Access-Anticipation-in-the-21st-Century/Miller/p/book/9781138485877.

[10] https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/refit-making-eu-law-simpler-and-less-costly.

[11] Il-prospettiva tista' pereżempju, tgħin biex jiġi applikat il-prinċipju tal-innovazzjoni fit-tfassil u r-reviżjoni tal-liġijiet Ewropej (https://ec.europa.eu/info/news/innovation-principle-makes-eu-laws-smarter-and-future-oriented-experts-say-2019-nov-25_en).

[12] *Ċiklu ta' prospettiva* jista' jieħu sa sena biex jitlesta u jkopri: dijanjożi ta' kif l-iżviluppi tal-passat wasslu għas-sitwazzjoni attwali, l-evoluzzjoni futura probabbli bbażata fuq xejriet u kwistjonijiet emerġenti jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni, u possibbiltajiet alternattivi futuri; viżjonijiet kollettivi; pjanijiet direzzjonali alternattivi u skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom; l-għażla ta' mogħdijiet u strateġiji, azzjonijiet u sħubijiet assoċjati; u d-definizzjoni ta' indikaturi ta' monitoraġġ adegwati, sabiex l-azzjonijiet ikunu jistgħu jiġu adattati matul il-proċess. Id-*dimensjoni esterna* taċ-ċikli ta' prospettiva tinkludi l-involviment b'mod sistematiku f'diskussjonijiet strateġiċi mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej, iċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati ewlenin. Id-*dimensjoni interna* tinkludi l-integrazzjoni tal-prospettiva strateġika fit-tfassil tal-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet, permezz ta' metodi bħall-valutazzjonijiet tal-impatt, l-ippjanar u l-ittestjar tax-xenarji alternattivi u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni biex tinbena intelligence kollettiva.

inizjattivi kbar, u se timmira li tidħol fl-indirizz annwali tal-Istat tal-Unjoni, il-programmi ta' ħidma tal-Kummissjoni, u eżerċizzji ta' programmazzjoni pluriennali. Filwaqt li tibni fuq ir-riżorsi interni[13], l-għarfien espert estern u l-kooperazzjoni mal-Istati Membri, partijiet ikkonċernati ewlenin oħra u ċ-ċittadini, il-Kummissjoni se tespandi l-kapaċitajiet ta' prospettiva strateġika tagħha biex tivvaluta r-riskji u l-opportunitajiet, tgħin it-twissija bikrija u l-għarfien tas-sitwazzjoni[14], u tesplora futuri alternattivi.

**Il-prospettiva strateġika trawwem governanza parteċipattiva u li tħares 'il quddiem fl-Ewropa u lil hinn minnha.** Il-Kummissjoni se tibni kooperazzjoni u alleanzi ta' prospettiva mill-qrib ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE, b'mod partikolari fil-kuntest tas-Sistema Ewropea ta' Analiżi tal-Istrateġiji u l-Politiki (European Strategy and Policy Analysis System, ESPAS)[15], filwaqt li tilħaq is-sħab internazzjonali u tniedi network ta' prospettiva għall-UE kollha biex tiżviluppa sħubijiet li jibbażaw fuq il-kapaċitajiet ta' prospettiva pubbliċi tal-Istati Membri, il-gruppi ta' riflessjoni, id-dinja akkademika u s-soċjetà ċivili. L-inkorporazzjoni tal-prospettiva fit-tfassil tal-politika tal-UE jenħtieġ li sseħħ b'mod iterattiv u sistematiku, filwaqt li tibni fuq approċċi li diġà wrew li huma effettivi. Dan se jgħin biex tiġi żviluppata viżjoni kondiviża tat-tfassil tal-politika fl-ogħla livell politiku, filwaqt li jippermetti t-tkabbir tal-aħjar prattiki u jżomm il-bieb miftuħ għall-esperimentazzjoni.

## 2. IR-REŻILJENZA BĦALA KUMPASS ĠDID GĦALL-POLITIKI TAL-UE

**Il-kriżi tal-COVID-19 kixfet għadd ta' vulnerabbiltajiet fl-UE u fl-Istati Membri tagħha**. Analiżi tal-impatti tal-kriżi, lil hinn mill-effetti umani terribbli tagħha, tiżvela tfixkil serju fl-ekonomija u s-soċjetà tal-Ewropa. It-tħejjija u l-prevenzjoni, is-sistemi ta' twissija bikrija u l-istrutturi ta' koordinazzjoni kienu ċarament taħt pressjoni, u b'hekk issottolinjaw il-ħtieġa għal maniġġar ta' kriżijiet aktar ambizzjuż għal emerġenzi fuq skala kbira fil-livell tal-UE. Fl-ewwel xhur tal-pandemija, ħafna sptarijiet kienu mgħobbija żżejjed, il-moviment liberu tal-persuni u l-merkanzija kien imrażżan ħafna u l-mediċini u t-tagħmir essenzjali kienu skarsi. Il-ħtieġa li jiġu kkurati pazjenti bil-COVID-19 affettwat il-kapaċità tas-sistema li tittratta pazjenti mhux bil-COVID-19, filwaqt li l-faċilitajiet ta' kura residenzjali u s-servizzi ta' appoġġ essenzjali għall-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà kienu partikolarment ikkontestati. L-iskejjel u l-universitajiet ġew imġiegħla jagħlqu, u ħafna kienu mħejjijin ħażin biex joffru alternattivi ta' tagħlim diġitali għall-klassijiet, b'mod partikolari għal tfal minn ambjenti żvantaġġati jew dawk b'diżabilità. B'mod ġenerali, il-miżuri ta' konfinament kellhom effett ħafna aktar sever fuq l-ekonomija mill-kriżi finanzjarja tal-2008.

**Wara bidu mhux faċli, l-UE u l-Istati Membri tagħha ngħaqdu flimkien biex jindirizzaw il-kriżi.** L-aġilità u t-tmexxija fil-livelli kollha tal-gvern kellhom rwol ewlieni fir-rispons tagħna. Il-kompetizzjoni inizjali istintiva għal riżorsi mediċi skarsi u azzjonijiet unilaterali mill-Istati Membri fis-suq uniku u fiż-Żona Schengen malajr evolviet f'kooperazzjoni u koordinazzjoni mtejba, iffaċilitata mill-Kummissjoni. L-UE fasslet

[13]Il-kapaċitajiet ta' prospettiva tal-Kummissjoni jinkludu ċ-*Ċentru ta' Kompetenza dwar il-Prospettiva* taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u n-network strateġiku ta' prospettiva tal-Kummissjoni, ikkoordinat mis-Segretarjat Ġenerali.
[14]L-għarfien tas-sitwazzjoni huwa l-parti tat-teħid tad-deċiżjonijiet immirat biex jipperċepixxi elementi u avvenimenti ambjentali fir-rigward tal-ħin jew l-ispazju, biex jifhem xi jfissru, u għall-projezzjoni tal-istatus futur tagħhom.
[15] https://espas.secure.europarl.europa.eu/orbis/espas2018about.

soluzzjonijiet innovattivi u wriet il-kapaċitajiet ta' reżiljenza tagħha. Il-manifatturi tal-UE u l-kumpaniji tal-istampar 3D[16] adattaw malajr il-linji ta' produzzjoni tagħhom biex jipproduċu maskri tal-wiċċ, ventilaturi u sanitizzaturi tal-idejn[17]. Il-Kummissjoni stabbilixxiet l-ewwel riżerva strateġika komuni ta' tagħmir mediku bħala parti minn rescEU u għenet biex jiġu ffaċilitati aktar minn 350 titjira biex ċittadini tal-UE maqbudin jinġiebu lura f'pajjiżhom. Wara restrizzjonijiet inizjali fil-fruntieri li rriżultaw f'konġestjonijiet fil-provvista, il-Kummissjoni implimentat u kkoordinat il-korsiji ħodor li jippermettu li t-trasport tal-merkanzija jimxi mingħajr xkiel18. It-tagħlim mill-bogħod ġie stabbilit biex jikkumpensa għall-iskejjel u l-universitajiet magħluqa. Il-kumpaniji u l-amministrazzjonijiet qalbu għat-telexogħol fejn kien possibbli. Il-konsumaturi rrikorrew għall-kummerċ elettroniku u l-konsenji mid-dar. L-Istati Membri daħħlu fis-seħħ xbieki ta' sikurezza biex jipproteġu lill-kumpaniji u lill-ħaddiema matul il-miżuri ta' konfinament. Bejn April u Mejju 2020, il-Kummissjoni adottat pakkett ta' xbieki ta' sikurezza[19] u ħarġet rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew[20] li applikaw flessibbiltà massima biex jakkomodaw din is-sitwazzjoni straordinarja. Hija ppreżentat ukoll strateġija koordinata biex jitneħħew il-miżuri ta' konteniment u pjan komprensiv ta' rkupru[21]. Għalhekk, il-pandemija enfasizzat ukoll il-kapaċità tal-Ewropa li taġixxi f'wiċċ l-avversità.

**Ir-*reżiljenza* tirreferi għall-*abbiltà* mhux biss li wieħed jiflaħ għall-isfidi u jlaħħaq magħhom iżda wkoll li jittrasforma b'mod sostenibbli, ġust u demokratiku**[22]. Fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19 u tal-aġenda politika mmexxija mit-tranżizzjoni, huwa ċar li l-Ewropa teħtieġ li ssaħħaħ aktar ir-reżiljenza tagħha u tirkupra 'l quddiem, jiġifieri mhux biss tirkupra iżda toħroġ aktar b'saħħitha billi tintensifika dawn it-tranżizzjonijiet. Jenħtieġ li l-UE tislet tagħlimiet mill-pandemija, tantiċipa l-iżviluppi futuri, u ssib il-bilanċ it-tajjeb bejn il-benessri tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri[23].

**Il-vulnerabbiltajiet u l-kapaċitajiet ta' reżiljenza tal-UE huma analizzati fid-dawl ta' megatendenzi rilevanti**, forzi mexxejja it-tul li x'aktarx ikollhom influwenza sinifikanti fuq il-futur. Erbatax-il megatendenza globali ġew identifikati mill-*Hub tal-Megatendenzi* tal-Kummissjoni[24]. It-Taqsima 3 tipprovdi analiżi sistematika preliminari tal-vulnerabbiltajiet u l-kapaċitajiet żvelati mill-kriżi fl-UE u l-Istati Membri tagħha, fid-dawl tal-aċċelerazzjoni jew it-tnaqqis possibbli ta' dawn il-megatendenzi minħabba l-kriżi, kif muri fil-**Figura 2.1**. Pereżempju, il-COVID-19 żiedet l-inugwaljanzi, kif ukoll aċċellerat l-iperkonnettività u l-

[16]Formlabs ipproduċew 150 000 swab b'250 printer kuljum. Bl-istess mod, ħaddiema tal-isptar ta' Pariġi skennjaw il-valvi, il-pompi tas-siringi u l-konnessjonijiet tal-plaggs mediċi u pproduċew materjal mediku b'60 printer 3D biex jevitaw l-iskarsezzi.

[17]https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/health/coronavirus-response/coronavirus-european-solidarity-action_mt#euindustrystepsintoprotecteuropeancitizens

[18]C(2020) 1897 final, Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Korsiji Ħodor skont il-Linji Gwida għall-miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri biex tiġi protetta s-saħħa u tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-oġġetti u tas-servizzi essenzjali.

[19] https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/health/coronavirus-response/overview-commissions-response_en#economic-measures

[20] https://ec.europa.eu/info/publications/2020-european-semester-country-specific-recommendations-commission-recommendations_en

[21] COM(2020)456 final, Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss.

[22] Manca, A.R., Benczur, P., u Giovannini, E., 2017, *Building a scientific narrative towards a more resilient EU society*.

[23] Giovannini, E., Benczur, P., Campolongo, F., Cariboni, J., Manca, A.R, 2020. *Time for transformative resilience: the COVID-19 emergency*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

[24] Dawn il-forzi mexxejja fit-tul huma identifikati u mmonitorjati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni (JRC). Dawn huma kontinwament riveduti mill-esperti tal-JRC biex jinkludu aġġornamenti u jakkomodaw xejriet assoċjati ta' rilevanza jew interess għas-Servizzi tal-Kummissjoni tal-UE. Id-definizzjonijiet tal-14-il megatendenza jinsabu fuq: https://ec.europa.eu/knowledge4policy/foresight/tool/megatrends-hub_en. Ara wkoll ir-Rapport tal-ESPAS tal-2019: *Global Trends to 2030* (https://ec.europa.eu/knowledge4policy/publication/espas-report-2019-global-trends-2030_en).

iżbilanċi demografiċi. L-analiżi tidentifika wkoll opportunitajiet kbar biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Ewropa permezz ta' azzjoni ta' politika rilevanti.

**Figura 2.1 - L-impatt potenzjali tal-COVID-19 fuq il-megatendenzi**




**Politiki li jħarsu 'l quddiem appoġġati minn prospettiva strateġika se jsaħħu r-reżiljenza tal-UE.** Il-prospettiva tista' tgħin biex jiġu antiċipati l-iżviluppi li x'aktarx ikollhom impatti negattivi, biex tissaħħaħ ir-reżiljenza permezz ta' bidliet strutturali[25]. Il-**Figura 2.2** turi ċiklu wieħed ta' kif il-prospettiva strateġika tista' tinforma politiki li jtejbu r-reżiljenza fid-dimensjonijiet soċjali u ekonomiċi, ġeopolitiċi, ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li jittieħed kont tal-impatt tal-kriżi fuq megatendenzi rilevanti. Politiki li jibbenefikaw mill-prospettiva strateġika jistgħu jimmitigaw aħjar il-vulnerabbiltajiet u jsaħħu l-kapaċitajiet żvelati mill-kriżi, jifthu opportunitajiet ġodda u jagħmlu l-Ewropa aktar reżiljenti. Dan huwa proċess kontinwu, b'rievalwazzjoni kostanti u ċirkwiti ta' feedback.

---

[25] European Parliamentary Research Service, 2020, Towards a more resilient Europe post-coronavirus. An initial mapping of structural risks facing the EU.

**Figura 2.2 - Rabta bejn il-prospettiva strateġika u r-reżiljenza**




# 3. ANALIŻI TAR-REŻILJENZA FUQ ERBA' DIMENSJONIJIET

## 3.1. Id-dimensjoni soċjali u ekonomika

**Id-dimensjoni soċjali u ekonomika tar-reżiljenza tirreferi għall-abbiltà ta' indirizzar ta' xokkijiet ekonomiċi u l-kisba ta' bidla strutturali fit-tul b'mod ġust u inkluživ.** Dan ifisser il-bini tal-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi għal irkupru mmirat lejn it-tranżizzjonijiet, il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u reġjonali, u l-appoġġ għal dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà, filwaqt li jitqiesu x-xejriet demografiċi, u f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

***Kapaċitajiet***

**Ir-reżiljenza soċjali u ekonomika tal-Ewropa tistrieħ fuq il-popolazzjoni tagħha u l-ekonomija soċjali tas-suq uniku tagħha.** Hija tgħaqqad forza tax-xogħol b'ħiliet għolja u ekonomija kompetittiva ma' sistemi soċjali li għandhom l-għan li jipproteġu lin-nies minn avvenimenti avversi u jgħinuhom ilaħħqu mal-bidla. Permezz tad-djalogu soċjali, is-sħab soċjali jikkontribwixxu għal tkabbir sostenibbli u inkluživ. In-nies madwar l-UE għandhom aċċess garantit għall-edukazzjoni u miżuri ta' protezzjoni soċjali, bħall-benefiċċji tal-mard u tal-qgħad, il-liv tal-familja u arranġamenti flessibbli tax-xogħol. Għalkemm tqiegħed taħt pressjoni, dan il-mudell kellu rwol ewlieni biex itaffi l-effetti tal-kriżi, pereżempju billi jissalvagwardja l-impjiegi u jżomm il-kumpaniji fil-wiċċ[26]. Xi Stati Membri ntlaqtu aktar mill-kriżi, l-aktar minħabba l-istrutturi ekonomiċi u l-ispazju fiskali differenti tagħhom. L-Istati Membri b'livelli ogħla ta' dejn pubbliku ġeneralment jistgħu jkunu aktar ristretti biex itaffu l-impatt tal-kriżi. Madankollu, il-miżuri nazzjonali ġew ikkomplementati minn dawk fil-livell tal-UE, b'mod partikolari t-tliet xbieki ta' sikurezza ewlenin għall-ħaddiema, in-

[26] https://esip.eu/new/details/2/82-COVID-19%20?social_security=

negozji u l-gvern, b'valur ta' EUR 540 biljun, li ġew approvati f'April 2020 mill-Kunsill Ewropew[27]. B'ħarsa lejn il-futur, is-sistema ta' edukazzjoni pubblika b'saħħitha tal-UE tgħin biex jinkisbu l-ħiliet meħtieġa għat-tħejjija għall-impjiegi ta' għada, element ewlieni fl-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn l-ekonomija ekoloġika u diġitali.

**L-Ewropa tista' sserraħ ukoll fuq is-saħħa tas-suq uniku tagħha[28]**. Is-suq uniku jtejjeb il-mobbiltà, jiżgura li mudelli ta' negozju innovattivi jistgħu jiffjorixxu, jagħmilha aktar faċli għall-bejjiegħa bl-imnut biex jagħmlu negozju bejn il-fruntieri, u jtejjeb l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi madwar l-UE. L-infrastruttura tat-trasport, il-munita unika u s-setturi ekonomiċi diversifikati huma fost il-faċilitaturi ewlenin tar-reżiljenza ekonomika. Madwar is-suq uniku, id-diversità ekonomika, reġjonali u soċjali tgħammar lill-Unjoni b'vantaġġ kompetittiv mingħajr paragun fuq skala globali u tirfed ir-reżiljenza kollettiva tagħha.

**Ir-rabtiet qawwija tal-kummerċ u l-investiment tal-Ewropa se jgħinu biex l-ekonomija terġa' lura fit-triq it-tajba.** B'85 % tat-tkabbir futur tad-dinja previst li jseħħ barra mill-UE u b'35 miljun impjieg Ewropew jiddependu fuq l-esportazzjonijiet u 16-il miljun fuq l-investiment barrani, il-kummerċ u l-investiment se jkunu kruċjali biex l-Ewropa tingħaqad ma' sorsi esterni ta' tkabbir. Dan huwa partikolarment minnu peress li d-domanda x'aktarx li tirkupra b'mod asimmetriku wara l-kriżi.

**Is-sistema finanzjarja tal-UE ħadet tagħlimiet importanti mill-kriżi finanzjarja tal-2008.** Din kienet reżiljenti mill-bidu tal-pandemija, bis-saħħa wkoll tal-aġenda ta' riforma finanzjarja tal-UE, b'mod partikolari l-ħolqien tal-Unjoni Bankarja. Issa hija ferm aktar robusta, bil-banek kapitalizzati aħjar biex jiffokaw fuq is-self lill-unitajiet domestiċi u lill-kumpaniji milli fl-2008[29]. L-opportunitajiet għan-negozji biex iżidu l-finanzjament fis-swieq kapitali tjiebu wkoll.

**Organizzazzjonijiet kollaborattivi u bla skop ta' qligħ isaħħu r-reżiljenza soċjali u ekonomika**. Il-kooperattivi, is-soċjetajiet mutwi, l-assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, il-fondazzjonijiet u l-intrapriżi soċjali għenu lis-servizzi pubbliċi jlaħħqu mal-kriżi[30]. Dawn urew il-kapaċità tagħhom li jipprovdu firxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi fis-suq uniku f'ċirkostanzi fejn il-kumpaniji bi skop ta' qligħ ma kinux ikunu kapaċi jiġġeneraw redditu adegwat fuq il-kapital, u b'hekk joħolqu u jippreservaw miljuni ta' impjiegi[31]. Huma wkoll mutur kruċjali għall-innovazzjoni soċjali.

**Is-solidarjetà Ewropea hija kruċjali biex jingħelbu l-isfidi kollettivi bħall-COVID-19**. Il-politika ta' koeżjoni u l-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għandhom rwol ewlieni fl-Inizjattiva ta'

[27]https://ec.europa.eu/newsroom/ecfin/item-detail.cfm?item_id=675083&utm_source=ecfin_newsroom&utm_medium=Website&utm_campaign=ecfin&utm_content=EU%20leaders%20approve%20%20billion%20package%20of%20safety%20nets%20and%20task%20Commission%20&lang=en.

[28]Is-Suq Uniku tal-UE jammonta għal 450 miljun konsumatur u 22,5 miljun intrapriża żgħira u ta' daqs medju (SMEs).

[29] L-analiżi tal-BĊE turi li s-settur bankarju taż-żona tal-euro reżiljenti għall-istress ikkawżat mill-coronavirus: https://www.bankingsupervision.europa.eu/press/pr/date/2020/html/ssm.pr200728~7df9502348.en.html.

[30]Fil-kriżi tal-COVID-19, pereżempju, organizzazzjonijiet bħal *SOS Médecins* fi Franza kienu qed itaffu l-pressjoni fuq is-servizz tas-saħħa u l-isptarijiet billi jipprovdu żjarat tat-tabib għal persuni li kellhom bżonnhom. Fir-Renju Unit 'il fuq minn 30 % tal-infermiera fid-djar kienu pprovduti minn intrapriżi soċjali (http://www.oecd.org/coronavirus/policy-responses/social-economy-and-the-covid-19-crisis-current-and-future-roles-f904b89f/#:~:text=The%20COVID%2D19%20crisis%20has%20allowed%20the%20social%20economy%20to,to%20provide%20goods%20and%20services).

[31]Hemm żewġ miljun intrapriża tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa, li jirrappreżentaw 10 % tan-negozji kollha fl-UE. Aktar minn 11-il miljun ruħ, madwar 6 % tal-impjegati tal-UE, jaħdmu għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali: https://ec.europa.eu/growth/sectors/social-economy_en.

Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus, billi jgħinu lis-setturi esposti bħall-kura tas-saħħa, l-SMEs u s-swieq tax-xogħol fl-Istati Membri u r-reġjuni l-aktar milquta[32]. L-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza - fergħa ta' finanzjament tal-Pjan Direzzjonali Ewropew Konġunt għat-tneħħija tal-miżuri ta' konfinament tal-COVID-19 - jippermetti li jittaffew il-konsegwenzi tal-pandemija b'mod koordinat fil-livell tal-UE[33].

***Vulnerabbiltajiet***

**Il-kriżi kixfet vulnerabbiltajiet soċjali u tas-saħħa fl-Ewropa**. Il-faċilitajiet ta' kura residenzjali u s-servizzi ta' appoġġ għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità kienu strutturalment vulnerabbli u mhux ippreparati biex ilaħħqu mat-tixrid tal-coronavirus u jikkontrollawha. Dawk b'mard kroniku, speċjalment b'sistemi immunitarji dgħajfa jew bi problemi respiratorji, ġew affettwati b'mod speċjali. Is-sistemi tas-saħħa f'diversi Stati Membri, kif ukoll l-industrija farmaċewtika, ma kinux ippreparati bis-sħiħ, u esperjenzaw problemi inkluż nuqqas ta' tagħmir protettiv personali u sustanzi kimiċi meħtieġa għall-produzzjoni tal-farmaċewtiċi. Notevolment, l-Ewropa tħabtet biex tipprepara u tikkoordina meta bdew joħorġu l-ewwel twissijiet miċ-Ċina. Hemm bżonn li jiġu antiċipati aħjar ir-riskji għas-saħħa u jiġi evitat it-tixrid ta' mard infettiv ġdid u disturbi assoċjati. Il-COVID-19 ċaqlaq l-attenzjoni lil hinn minn sfidi ewlenin tas-saħħa bħal mard li ma jitteħidx, b'mod partikolari l-kanċer u l-obeżità.

**Il-miżuri ta' konfinament affettwaw il-benessri ġenerali**. Flimkien mas-sodisfazzjon tal-ħajja, dan naqas għall-aktar livell baxx tiegħu f'aktar minn 40 sena[34]. Fl-ewwel sitt xhur tal-2020, is-sentiment ta' solitudni fl-Ewropa kważi ttrippla, speċjalment fost iż-żgħażagħ u l-anzjani, u żdiedu l-isfidi tas-saħħa mentali[35].

**L-inugwaljanzi ekonomiċi, tas-sessi, tal-ħiliet, reġjonali u etniċi kollha marru għall-agħar[36]**. Il-COVID-19 żiedet l-għadd ta' persuni li jinsabu fil-faqar jew f'riskju ta' faqar fl-Ewropa[37]. Xi wħud minn dawk li ntlaqtu ekonomikament mill-pandemija wkoll iddgħajfu fl-aċċess għall-ikel[38]. Il-minoranzi razzjali u etniċi huma statistikament aktar f'riskju li jieħdu l-virus u li jiffaċċjaw nuqqas ta' sigurtà finanzjarja[39]. Il-kriżi wriet ukoll aċċess inugwali għall-infrastruttura u s-servizzi diġitali u wessgħet id-distakk diġitali. L-istudenti minn ambjenti żvantaġġati kellhom inqas probabbiltà li jibbenefikaw mit-tagħlim online, u ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet kienu aktar probabbli li jiġu impjegati f'"impjiegi ta' kuntatt", b'riskju akbar ta' esponiment għall-marda u madankollu b'inqas aċċess għall-kura tas-saħħa. Il-ġenituri li

[32] F'April 2020, il-Kummissjoni nediet żewġ pakketti ta' miżuri biex timmobilizza l-appoġġ kontra l-COVID-19: l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (Coronavirus Response Investment Initiative, CRII) u l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus (CRII+), li ġew approvati f'qasir żmien mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill Ewropew.

[33] https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/health/coronavirus-response/emergency-support-instrument_mt.

[34] https://www.mckinsey.com/featured-insights/europe/well-being-in-europe-addressing-the-high-cost-of-covid-19-on-life-satisfaction#

[35] Il-megatendenza "il-bidla tal-isfidi tas-saħħa" (https://ec.europa.eu/knowledge4policy/shifting-health-challenges_en) aċċellerat.

[36] Il-megatendenza "diversifikazzjoni tal-inugwaljanzi" (https://ec.europa.eu/knowledge4policy/diversifying-inequalities_en) aċċellerat.

[37] Bl-użu tas-suppożizzjonijiet tat-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni, ir-rata ta' nies f'riskju ta' faqar hija mistennija li tiżdied b'4,8 punti perċentwali. Il-politiki addizzjonali li introduċew l-Istati Membri matul il-kriżi jistgħu jimmitigaw din iż-żieda (għal 1,7 punti perċentwali). Almeida, V., Barrios, S., Christl, M., De-Poli, S., Tumino, A., van der Wielen, W., 2020, *Households' income and the cushioning effect of fiscal policy measures in the Great Lockdown*. Dokumenti ta' Ħidma tal-JRC dwar it-Tassazzjoni u r-Riformi Strutturali Nru 06/2020, il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, Sevilja. JRC121598. Sejbiet simili ġew ippreżentati fuq https://voxeu.org/article/inequality-and-poverty-effects-lockdown-europe.

[38] Il-banek tal-ikel raw żieda esponenzjali fid-domanda mad-dinja kollha (http://www.fao.org/food-loss-reduction/news/detail/en/c/1271024/).

[39] https://www.enar-eu.org/Evidence-of-the-impact-of-Covid-19-on-racialised-communities-exposes-need-to.

jaħdmu (mid-dar), u speċjalment l-ommijiet, iffaċċjaw piżijiet żejda mingħajr aċċess għall-kura tat-tfal. Il-ħaddiema l-aktar esposti kienu jikkonsistu f'għadd sproporzjonat ta' nisa, li jirrappreżentaw 70 % tal-persunal kollu tas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali. Il-vjolenza domestika żdiedet b'mod sinifikanti[40]. Barra minn hekk, il-kriżi enfasizzat il-vulnerabbiltà soċjali u ekonomika tal-ħaddiema barra l-UE[41], kif ukoll il-kontribut kruċjali tagħhom għar-rispons għall-coronavirus tal-Ewropa[42]. It-tbatija ekonomika u r-reċessjoni jistgħu jwasslu wkoll għal esponiment akbar għall-kriminalità organizzata u żieda fil-korruzzjoni[43].

**Is-setturi ekonomiċi u d-ditti ntlaqtu ħażin mill-kriżi**. Fit-tieni kwart tal-2020, li għadu kkaratterizzat minn miżuri ta' trażżin tal-COVID-19 fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-PDG aġġustat skont l-istaġun naqas bi 12,1 % fiż-Żona tal-Euro u bi 11,7 % fl-UE meta mqabbel mat-trimestru ta' qabel[44]. It-telf tad-dħul nett kumulattiv tal-kumpaniji tal-UE huwa stmat fil-medda ta' 13-24 % tal-PDG tal-UE[45]. Settur korporattiv fraġli jista' jwassal għal fallimenti ta' kumpaniji, li jista' jikkawża ħsara ekonomika dejjiema billi jiżdied il-qgħad, jinħela l-kapital, u tinqered l-ekwità tas-sidien tagħha. Il-fallimenti tan-negozju jfixklu wkoll in-networks ekonomiċi u jwaqqfu l-ktajjen tal-provvista internazzjonali. Anki għall-kumpaniji li jissopravivu, il-kapaċità tagħhom li jinvestu se tonqos. Il-kriżi kompliet taggrava wkoll id-dewmien fil-pagamenti fit-tranżazzjonijiet tan-negozju[46]. Għan-negozji ż-żgħar, il-ħlasijiet tard jistgħu jagħmlu d-differenza bejn is-sopravivenza u l-falliment, u jikkompromettu l-kapaċità tagħhom li jħallsu l-impjegati u l-fornituri, joperaw, jipproduċu u jikbru. Minħabba r-riżorsi limitati u l-ostakli eżistenti fl-aċċess għall-kapital, l-SMEs jista' jkollhom inqas reżiljenza u flessibbiltà fl-indirizzar tal-ispejjeż assoċjati ma' xokkijiet bħall-COVID-19[47]. L-amministrazzjonijiet pubbliċi tqiegħdu taħt pressjoni kbira biex jipprovdu servizzi lid-ditti u liċ-ċittadini.

**Is-swieq tax-xogħol ġew imfixkla,[48] b'telf kbir ta' impjiegi li jista' jkollu effetti fuq perjodu twil ta' żmien.** Il-kapaċitajiet tal-Istati Membri jvarjaw f'dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament ta' xbieki ta' sikurezza għan-nies u d-ditti biex jassorbu l-impatt tal-kriżi, bl-asimetriji konsegwenti li jheddu l-koeżjoni reġjonali u soċjali. Għall-kuntrarju ta' kriżijiet preċedenti, l-impjiegi ntlaqtu l-aktar fis-settur tas-servizzi, il-mutur tal-ħolqien tal-impjiegi matul l-aħħar għaxar snin[49]. Kważi 8 % tal-impjiegi kollha fl-Ewropa, ekwivalenti għal 12-il

---

[40] Li jaffettwa b'mod partikolari n-nisa, it-tfal u l-komunitajiet LGBTI + (https://unric.org/en/who-warns-of-surge-of-domestic-violence-as-covid-19-cases-decrease-in-europe/).
[41] https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC120730.
[42] https://ec.europa.eu/knowledge4policy/sites/know4pol/files/key_workers_covid_0423.pdf.
[43] https://eucrim.eu/news/europol-how-covid-19-shapes-serious-and-organised-crime-landscape-eu/.
[44] https://ec.europa.eu/eurostat/documents/2995521/11156775/2-31072020-BP-EN.pdf/cbe7522c-ebfa-ef08-be60-b1c9d1bd385b.
[45] https://voxeu.org/article/eu-firms-post-covid-19-environment.
[46] F'Marzu 2020, id-dewmien fil-pagamenti fi tranżazzjonijiet kummerċjali fi Franza ttriplika meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2019. Fi Spanja, 70 % tal-SMEs iddikjaraw li t-termini ta' pagament ġew estiżi b'mod unilaterali mid-debituri tagħhom. Fl-Italja, id-dewmien fil-ħlas lill-SMEs fl-ewwel kwart tal-2020 kien stmat għal aktar minn EUR 15-il biljun.
[47] http://www.oecd.org/coronavirus/policy-responses/coronavirus-covid-19-sme-policy-responses-04440101/.
[48] COM(2020)112 final, Rispons ekonomiku koordinat għat-tifqigħa tal-COVID-19.
[49] L-ospitalità, l-ivvjaġġar bl-ajru, it-turiżmu u l-kultura ntlaqtu partikolarment ħażin. Xi oqsma bħall-kunsinna u l-kura tas-saħħa raw żieda fl-impjiegi, iżda dawn kienu prinċipalment prekarji. Il-prestazzjonijiet kulturali kkanċellati, l-għeluq tal-postijiet, il-produzzjonijiet imwaqqfa, u l-impatt relatat fuq id-dħul, għamlu s-sitwazzjoni tas-settur kulturali u kreattiv aktar prekarja minn qatt qabel. Is-settur tal-midja, li għandu rwol ewlieni għad-demokrazija, kellu impatt qawwi wkoll. L-istimi tal-Kummissjoni ta' Mejju 2020 ipprevedew tnaqqis fil-fatturat ta' aktar minn 50 % fl-2020, mingħajr ma tqiesu aktar perjodi ta' konfinament. Ara: SWD(2020)98 final, L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' rkupru tal-Ewropa. Eurofound, 2020, COVID-19: Policy responses across Europe, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

miljun impjieg full-time, huma mistennija li jintilfu fl-2020[50], mingħajr ma jingħadd l-effett devastanti fuq il-forom atipiċi tax-xogħol u x-xogħol ibbażat fuq il-proġetti. Dan iżid ir-riskju ta' qgħad strutturali u fit-tul, li jirriżulta fi tnaqqis tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol preċiżament fil-mument meta l-ħiliet diġitali u ħiliet speċjalizzati oħra huma essenzjali għall-impjiegi futuri u tnejn minn kull ħames Ewropej ma għandhomx il-litteriżmu diġitali[51]. Anki ż-żgħażagħ li qed jidħlu fis-suq tax-xogħol f'dan iż-żmien se jsibuha iktar diffiċli biex jiksbu l-ewwel impjieg tagħhom[52]. Barra minn hekk, il-pandemija laqtet meta 21 % tan-nies li jgħixu fl-UE kienu diġà f'riskju ta' dejn eċċessiv[53].

**L-Unjoni Bankarja kienet kruċjali biex tegħleb it-taqlib fi żmien qasir, iżda l-Unjoni Ekonomika u Monetarja għadha mhux kompluta**. Aktar minn qatt qabel qed naraw l-importanza fit-tul ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali fi żmien meta r-rwol tal-finanzjament tas-suq għall-ekonomija reali huwa indispensabbli. Filwaqt li l-opportunitajiet għall-finanzjament tas-suq tan-negozji tjiebu b'mod ġenerali, il-miżuri biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament tal-ekwità jagħmluhom aktar reżiljenti. Biex tibni futur sostenibbli, l-UE teħtieġ infrastruttura tas-suq finanzjarju aktar reżiljenti, bi swieq kapitali profondi u wesgħin li jistgħu jiġu ingranati f'dinja ta' kompetizzjoni strateġika.

**Il-COVID-19 x'aktarx li tikkontribwixxi għat-tendenza li tkompli tiċkien il-popolazzjoni tal-Ewropa**. Studji demografiċi[54] qed jistennew rati tat-twelid saħansitra aktar baxxi fl-Ewropa minħabba l-inċertezza kkawżata mill-pandemija u r-reċessjoni li tirriżulta[55]. Hekk kif il-popolazzjoni tal-Ewropa qed tixjieħ, in-nies iktar anzjani u l-persuni b'diżabbiltà huma wkoll l-aktar suxxettibbli għall-faqar u l-COVID-19[56], u huma l-aktar iżolati soċjalment minħabba miżuri ta' tbegħid soċjali[57]. Barra minn hekk, ix-xejriet demografiċi jħallu impatt fuq ir-reżiljenza soċjali u ekonomika b'mod ġenerali.

***<u>Opportunitajiet</u>***

**L-investimenti privati u pubbliċi huma essenzjali għar-reżiljenza soċjali u ekonomiċi u l-irkupru**. Iridu jkunu konformi mal-għanijiet ta' politika tal-UE ta' inklużività, diġitalizzazzjoni, dekarbonizzazzjoni u sostenibbiltà, u l-previżjoni se tkun strumentali fl-iżvilupp ta' perspettiva li tiżgura li dawn il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati. Il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 u n-Next Generation EU se jrawmu investiment sostanzjali, innovazzjoni u konverġenza ekonomika bejn l-Istati Membri, b'salvagwardji għall-istat tad-dritt. Se tiżgura wkoll il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience FacilityRRF) se trawwem reżiljenza soċjali u ekonomika permezz tal-appoġġ ta' pakketti ta' investiment u riformi.

---

[50] https://www.ilo.org/global/about-the-ilo/newsroom/news/WCMS_740893/lang--en/index.htm.
[51] Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali 2020 (https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/desi).
[52] It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni Ewropea.
[53] Eurofound, 2020, Addressing households overdebtedness, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
[54] Il-megatendenza "żieda fl-iżbilanċi demografiċi" (https://ec.europa.eu/knowledge4policy/increasing-demographic-imbalances_en) aċċellerat
[55] https://population-europe.eu/policy-brief/demography-and-coronavirus-pandemic.
[56] https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/demography_report_2020_n.pdf.
[57] https://www.un.org/en/development/desa/policy/wess/wess_dev_issues/dsp_policy_01.pdf u https://www.brookings.edu/blog/future-development/2020/05/18/which-jobs-are-most-at-risk-because-of-covid-19/.

**Il-finanzjament għall-kumpaniji, speċjalment l-SMEs, jeħtieġ li jissodisfa kemm il-ħtiġijiet attwali tagħhom kif ukoll dawk li jirriżultaw minn tranżizzjonijiet fit-tul**. L-azzjoni biex jissaħħu s-settur bankarju, is-swieq kapitali u l-finanzjament tal-ekwità, inkluż it-trawwim tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u t-tlestija tal-Unjoni Bankarja, se tkun importanti fit-tisħiħ tar-reżiljenza tal-UE. Il-ħaddiema se jibbenefikaw minn riformi bħal dawn, li jżidu l-kapaċità tal-kumpaniji li jiżguraw u joħolqu l-impjiegi. L-adattament tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali għas-swieq tax-xogħol ikkaratterizzati mill-moviment tal-ħaddiema bejn il-professjonijiet u l-pajjiżi se jkun importanti biex jiġu ppreservati l-impjiegi. L-investiment fil-kapital uman u l-innovazzjoni, istituzzjonijiet li jiffunzjonaw tajjeb u ambjent tan-negozju attraenti huma kruċjali.

**Il-COVID-19 ipproduċiet bidliet rapidi fis-swieq tax-xogħol**. Il-bidliet previsti li jseħħu matul għexieren ta' snin, bħal organizzazzjonijiet sħaħ, amministrazzjonijiet nazzjonali, u t-telexogħol tal-kumpaniji, jew konferenzi virtwali u avvenimenti li jissostitwixxu laqgħat wiċċ imb'wiċċ[58], seħħew f'temp ta' ġimgħat minħabba l-pandemija[59]. Filwaqt li parti minn din il-bidla x'aktarx li tkun temporanja, se tiftaħ il-bieb għal opportunitajiet ġodda ta' impjieg u ssaħħaħ l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol Ewropew. Tippreżenta wkoll opportunità biex il-forom ta' impjieg u l-mudelli ta' karriera jiġu kkunsidrati mill-ġdid u adattati.

**L-iskejjel u l-universitajiet kellhom isiru virtwali kważi mil-lum għall-għada, u dan jippreżenta opportunitajiet ġodda biex jitwasslu l-edukazzjoni u t-tagħlim[60]**. L-iperkonnettività u l-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, approċċi pedagoġiċi ġodda u modi ta' twassil (pereż. virtwali jew imħallta), avvanzi fix-xjenzi konjittivi, disponibbiltà tal-informazzjoni u enfasi akbar fuq it-tagħlim tul il-ħajja lkoll jikkontribwixxu għal bidliet fil-mudelli tat-tagħlim u l-aċċess għall-edukazzjoni.

**It-tfixkil ta' stili ta' ħajja stabbiliti intensifika d-dibattitu dwar kif inkejlu l-progress u nikkonċepixxu l-"benesseri"**. Kif enfasizzat fl-istrateġija annwali għat-tkabbir sostenibbli tal-2020[61], it-tkabbir ekonomiku mhuwiex għan fih innifsu. F'Diċembru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat il-*Patt Ekoloġiku Ewropew*, l-istrateġija l-ġdida tal-UE għat-tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn l-isfidi klimatiċi u ambjentali jinbidlu f'opportunitajiet. Il-kriżi reġgħet qajmet id-dibattitu dwar x'tip ta' tkabbir ekonomiku huwa mixtieq, x'inhu importanti għall-benesseri tal-bniedem f'dinja ta' riżorsi limitati u dwar il-ħtieġa għal metriċi ġodda biex jitkejjel il-progress lil hinn mit-tkabbir tal-PDG. L-UE tinsab f'pożizzjoni tajba biex tassumi rwol ta' tmexxija internazzjonali u tippromwovi t-tkabbir inklużiv u l-ugwaljanza, bl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (Sustainable Development Goals, SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fiċ-ċentru tal-politika ekonomika[62]. L-SDGs jistgħu jitqiesu bħala mezz biex

[58] Il-megatendenza "in-natura tax-xogħol li qed tinbidel" (https://ec.europa.eu/knowledge4policy/foresight/changing-nature-work_en) aċċellerat.
[59] https://www2.deloitte.com/be/en/pages/covid-19/articles/workforce/workforce-strategy.html
[60] Il-megatendenza "diversifikazzjoni tal-edukazzjoni u t-tagħlim" (https://ec.europa.eu/knowledge4policy/diversification-education-learning_en) aċċelerat.
[61] https://ec.europa.eu/info/publications/2020-european-semester-annual-sustainable-growth-strategy_en.
[62] L-SDGs (https://www.un.org/sustainabledevelopment/sustainable-development-goals/) huma pjan direzzjonali għall-umanità li jinkludi kważi kull aspett tal-benesseri tal-bniedem u tal-pjaneta. Dawn huma għodda ewlenija biex tingħata spinta ġdida lill-istrateġija tat-tkabbir tal-Ewropa lejn tali sostenibbiltà kompetittiva, filwaqt li jiġi żgurat li l-ekonomija taħdem għal kulħadd u li t-tkabbir ikun sostenibbli. Biex

tinkiseb reżiljenza akbar. Min-naħa l-oħra, il-previżjoni strateġika tista' tgħin biex jiġu identifikati l-aħjar modi biex jintlaħqu l-SDGs.

**Il-previżjoni strateġika tista' tgħin biex jiġu identifikati aktar opportunitajiet u perkorsi soċjali u ekonomiċi biex jinkisbu tranżizzjonijiet ekoloġiċi, diġitali u ġusti**. Dan jinkludi t-tfassil ta' riformi soċjali u fiskali ġodda u l-ittestjar tas-sostenibbiltà fit-tul tagħhom, biex jinvigoraw mill-ġdid il-mudell tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-Ewropa filwaqt li jiġi żgurat ir-rwol ewlieni tal-UE fl-ekonomija globali. Il-previżjoni strateġika hija rilevanti wkoll għat-tiswir tal-okkupazzjonijiet tal-futur, għall-identifikazzjoni ta' ħiliet ġodda meħtieġa għall-ekonomija ekoloġika u diġitali, ix-xejriet u s-sħubijiet tat-tagħlim, u l-fehim tal-interazzjoni relatata bejn teknoloġiji ġodda, impjiegi, edukazzjoni, u partijiet ikkonċernati ewlenin. Fid-dawl ta' xejriet demografiċi usa' li jaffettwaw xi żoni rurali, l-isfidi aggravati mill-inugwaljanzi reġjonali u lokali, kif ukoll ġeografija ta' skuntentizza, se tkun meħtieġa wkoll viżjoni fit-tul dwar iż-żoni rurali, li tqis l-iżvilupp soċjali u ekonomiku, il-ħtiġijiet tal-infrastruttura, l-aċċess għal servizzi bażiċi, u l-koeżjoni territorjali; jenħtieġ li din il-viżjoni fit-tul tapplika għal diversi oqsma ta' politika u teħtieġ approċċ iktar integrat u kkoordinat fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livelli nazzjonali u reġjonali. Fl-aħħar nett, il-previżjoni strateġika tista' tappoġġa r-riflessjoni dwar tifsira ġdida għall-progress u l-benessri u dwar indikaturi li jkunu l-aktar sinifikanti biex jitkejlu dawn l-aspirazzjonijiet (it-Taqsima 4).

### 3.2. Id-dimensjoni ġeopolitika

**Ir-reżiljenza ġeopolitika hija relatata mal-Ewropa li ssaħħaħ l-"awtonomija strateġika miftuħa"[63] u r-rwol ta' tmexxija globali tagħha**. Hija ankrata fl-espressjoni tal-valuri tal-UE f'dinja interdipendenti ħafna ta' setgħat f'kompetizzjoni, fejn il-COVID-19 kellha impatt fuq ix-xejriet ġeopolitiċi u l-bilanċi tal-poter. Hekk kif l-Istati Uniti tinqata' għaliha iktar u iktar, qed tħalli vojt fix-xena globali, li atturi oħra bħaċ-Ċina[64] huma ħerqana li jimlew. Fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi strateġiċi għall-għajnuna umanitarja u għall-iżvilupp u fl-isforzi tagħha biex it-tilqim u l-mediċini kontra l-COVID-19 isiru disponibbli madwar id-dinja, l-UE għandha rwol ewlieni permezz tal-approċċ tagħha "Tim Ewropa"[65].

***Kapaċitajiet***

**L-UE hija meqjusa bħala sieħeb fdat u mexxej responsabbli**. Billi l-ordni globali jhedded li jdgħajjef u jifframmenta, l-UE tista' taġixxi bħala ankra ta' stabbiltà u garanti tal-paċi. L-UE timmedja f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, tinnegozja ftehimiet internazzjonali u tuża s-setgħa tagħha biex issawwar soluzzjonijiet globali għal problemi globali. Il-pandemija turi li l-isfidi globali jeħtieġu kooperazzjoni internazzjonali effettiva u aġli u soluzzjonijiet komuni. L-UE

jappoġġa r-rwol ċentrali tal-SDGs fit-tfassil tal-politika ekonomika, u b'mod partikolari fis-Semestru Ewropew, il-Eurostat jippubblika rapport ta' monitoraġġ annwali.

[63] L-awtonomija strateġika miftuħa hija definita bħala l-impenn tal-UE għal kummerċ miftuħ u ġust, filwaqt li tippreserva l-benefiċċji ta' ekonomija miftuħa u tappoġġa lis-sħab madwar id-dinja biex imexxu l-forma mġedda u msaħħa ta' multilateraliżmu li teħtieġ id-dinja. Fl-istess ħin, l-UE tagħraf tal-ħtieġa li tnaqqas id-dipendenza tagħha u ssaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tagħha f'teknoloġiji u ktajjen tal-valur ewlenin (COM(2020) 456 final, Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss).

[64] https://www.cfr.org/conference-calls/after-covid-19-chinas-role-world-and-us-china-relations.

[65] L-objettiv tal-approċċ "Tim Ewropa" huwa li jgħaqqad ir-riżorsi mill-UE, l-Istati Membri tagħha, u l-istituzzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari l-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.

ssawwar b'mod attiv il-kooperazzjoni fl-istrutturi ta' governanza globali, u l-politika estera u ta' sigurtà tagħha hija mirfuda minn diplomazija b'diversi aspetti u sħubiji strateġiċi ma' atturi u reġjuni ewlenin. Il-prijoritajiet tal-politika estera u tas-sigurtà tal-UE huma xprunati mill-istrateġija globali tagħha. Filwaqt li tifhem l-importanza tal-kooperazzjoni fis-sigurtà u d-difiża, l-UE, fost affarijiet oħra, stabbiliet Fond Ewropew għad-Difiża u l-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (Permanent Structured Cooperation, PESCO)[66], u varat inizjattiva ta' mobilità militari.

**Il-kapaċità kummerċjali globali estensiva tal-Ewropa tirfed is-setgħa u r-reżiljenza ġeopolitika tagħha**. Analiżi tad-dipendenza fuq il-kummerċ għal prodotti li jiddependu fuq għadd żgħir ta' fornituri turi li, kważi għall-prodotti kollha importati fl-UE, hemm sorsi alternattivi ta' provvista. Huwa biss 1 % tal-valur totali tal-importazzjoni tal-UE li jinkiseb minn fornitur wieħed, filwaqt li 10 % jinkiseb minn mhux inqas minn mhux inqas minn 67 fornitur alternattiv, u nofs il-prodotti kollha jiġu minn aktar minn aktar minn 25 fornitur madwar id-dinja[67]. Barra minn hekk, aktar minn żewġ terzi tal-importazzjonijiet tal-UE huma inputs intermedji użati fil-proċessi tal-produzzjoni tagħha. Għalhekk, l-UE hija konsistentement kapaċi tuża l-influwenza ekonomika u s-setgħa ta' negozjar tagħha biex twassal ftehimiet internazzjonali li jipproteġu liċ-ċittadini tagħha.

**L-UE hija potenza spazjali.** Hija żviluppat kapaċitajiet spazjali essenzjali, li jservu bħala għodda ġeopolitika biex issaħħaħ ir-rwol globali tagħha fl-iżvilupp u s-sorveljanza tat-teknoloġija[68]. Bosta setturi ekonomiċi essenzjali jiddependu fuq servizzi pprovduti mill-assi tal-Ewropa bbażati fl-ispazju.

**L-UE tibni reżiljenza fil-viċinat tagħha u lil hinn minnu.** Hija l-akbar donatur fid-dinja ta' għajnuna għall-iżvilupp u umanitarja, u tiffoka b'mod partikolari fuq il-viċinat tagħha u l-Afrika. l-Ewropa tappoġġa lill-pajjiżi sħab b'finanzjament, taħriġ u titjib strutturali biex tagħti spinta lill-iżvilupp u r-reżiljenza tagħhom, kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-SDGs. Barra minn hekk, permezz tal-inizjattiva tas-Sħubija tal-Lvant, l-UE tikkontribwixxi biex jiżdiedu l-istabbiltà, il-prosperità u r-reżiljenza tal-ġirien tagħha, billi tgħinhom jagħmlu progress fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

**L-UE għandha kapaċità u legat fit-tul fit-tfassil ta' standards u normi internazzjonali.** Issa jeħtieġ li ssaħħaħ alleanzi li jħarsu 'l quddiem biex tkompli ssawwar in-normi u l-istandards internazzjonali b'mod li jirrifletti l-valuri u l-interessi Ewropej. Minkejja r-rekord ta' impenn proattiv tal-UE mal-familja tan-NU u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra f'diversi fora[69], alleanzi bħal dawn huma partikolarment rilevanti fid-dawl tal-pressjoni dejjem tikber minn atturi globali influwenti.

---

[66] L-Artikoli 42 (6) u 46 TUE, u l-Protokoll Nru 10.
[67] https://ecipe.org/blog/how-survive-trade-apocalypse/.
[68] Pereżempju, in-navigazzjoni bis-satellita, l-Osservazzjoni tad-Dinja, it-telekomunikazzjoni, għas-Servizz Pubbliku Regolat ta' Galileo.
[69] Il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (United Nations Conference on Trade and Development, UNCTAD), l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (International Telecommunications Union, ITU), u d-Dinja Organizzazzjoni tal-Proprjetà Intellettwali (World Intellectual Property Organisation, WIPO) Barra minn hekk, mal-G7, il-G20, l-OECD, il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kooperazzjoni tal-Internet għal Ismijiet u Numri Assenjati (Internet Cooperation for Assigned Names and Numbers, ICANN), l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (World Trade Organization, WTO), l-ASEAN u l-ASEM.

**L-UE tista' tapplika l-kapaċitajiet ġeopolitiċi u l-influwenza internazzjonali tagħha b'mod koerenti u effettiv issa u fil-futur.** L-Ewropa se jkollha bżonn tkompli tiżviluppa network strateġiku ta' sħubijiet u alleanzi biex tnaqqas id-dipendenzi fil-ktajjen tal-valur essenzjali, tinkoraġġixxi l-paċi u l-istabbiltà fil-viċinat tagħha, tfittex soluzzjonijiet effettivi għall-problemi globali u tagħti ħajja ġdida lill-ordni globali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, kif ukoll tuża r-riżorsi finanzjarji tagħha b'appoġġ għall-objettivi politiċi tagħha. L-UE tinsab f'pożizzjoni b'saħħitha biex issawwar is-sistema multilaterali tal-governanza ekonomika globali, biex tiżviluppa relazzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku biex tagħti spinta lill-kompetittività tagħha[70], u biex tavvanza u tistabbilixxi standards globali għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Dan jenħtieġ li jsir filwaqt li jiġu promossi l-valuri demokratiċi tagħha u tiġi żgurata l-koerenza ma' prijoritajiet usa' fl-oqsma tas-sostenibbiltà, it-tibdil fil-klima, l-ekonomija diġitali u s-sigurtà.

***Vulnerabbiltajiet***

**Il-multilateraliżmu u s-sistema finanzjarja globali jinsabu taħt pressjoni dejjem akbar minn interessi nazzjonali ristretti.** Il-preservazzjoni ta' spazju għall-bini ta' kunsens u azzjoni konġunta biex jiġu indirizzati l-isfidi globali u l-protezzjoni ta' beni pubbliċi komuni hija ċentrali għar-reżiljenza ġeopolitika.

**Iċ-ċaqliq tal-poter lejn il-Lvant u n-Nofsinhar huwa megatendenza globali**. Minkejja li ddeċellerat temporanjament b'riżultat tal-kriżi tal-COVID-19, x'aktarx li tkompli billi hija xprunata mill-piż ekonomiku u politiku dejjem jikber tal-atturi emerġenti, appoġġati mill-piż demografiku tagħhom. Hekk kif is-sehem tal-UE fil-popolazzjoni dinjija u fil-PDG globali jonqos[71], dan jista' jkollu impatt ulterjuri fuq l-influwenza tagħha f'ħafna oqsma kritiċi.

**L-ambjent tas-sigurtà qed jinbidel kontinwament**. Dan huwa kkaratterizzat mill-bidla fil-bilanċ tal-poter, iż-żieda fl-użu ta' theddid ibridu, modi ta' gwerra spazjali u ċibernetika, id-diżinformazzjoni, u r-rwol dejjem jikber tal-atturi mhux statali[72]. Il-kriżi kompliet taggrava wkoll pressjonijiet li jistgħu jwasslu għal kunflitt. L-impatt ta' miżuri ekonomiċi xprunati minn kunsiderazzjonijiet politiċi, bħall-impatt ekstraterritorjalità ta' sanzjonijiet jew miżuri protezzjonisti, joħloq sfidi addizzjonali għall-UE. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet il-fraġilità ta' infrastruttura ewlenija u l-ħtieġa li tiġi protetta minn theddid fiżiku u diġitali[73]. Il-kriżi aggravat ukoll il-vulnerabbiltajiet u l-inugwaljanzi eżistenti f'pajjiżi fraġli u milquta minn kunflitti. Biex trawwem viżjoni strateġika koerenti, l-UE teħtieġ fehim komuni tal-ambjent tas-sigurtà kif ukoll għanijiet u objettivi komuni. Sa tmiem l-2020, ir-Rappreżentant Għoli se jippreżenta analiżi tat-theddid u l-isfidi, bħala sfond għal Kumpass Strateġiku dwar is-sigurtà u d-difiża, li għandha titwassal sal-2022. Dan se jipprovdi kontribut kruċjali għall-

[70] COM(2020) 102 final, Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa; SWD(2020) 98 final, L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' rkupru tal-Ewropa.
[71] https://ec.europa.eu/research/social-sciences/pdf/policy_reviews/global-europe-2050-report_en.pdf.
[72] COM(2020) 605 final, L-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE.
[73] *Ibidem*

iżvilupp ta' kultura Ewropea komuni ta' sigurtà u difiża, jagħti impetu ġdid lill-inizjattivi differenti tad-difiża u jsaħħaħ il-koerenza tagħhom[74].

**Il-ġestjoni tal-migrazzjoni b'mod ordnat se tkompli tkun prijorità.** Il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni, inklużi l-kunflitti lokali, il-faqar u l-inugwaljanzi aggravati minħabba l-kriżi tal-COVID-19 u t-tibdil fil-klima, se jippersistu[75,76]. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi[77] se jeħtieġ attenzjoni, aġilità, riżorsi u sforzi diplomatiċi msaħħa fuq il-bażi tal-assistenza, flimkien ma' sħubiji strateġiċi, ibbilanċjati u mfassla apposta ma' pajjiżi terzi ewlenin sabiex jinstabu soluzzjonijiet sostenibbli u effettivi għall-ġestjoni tal-migrazzjoni[78].

**Nuqqas ta' unità f'oqsma speċifiċi ta' politika barranija u ta' sigurtà huwa sors ta' fraġilità**. Is-saħħa u l-kredibbiltà tal-UE barra mill-UE għandhom korrelazzjoni diretta mal-unità interna u l-koeżjoni tagħha, li tibni fuq id-diversità tagħha. Nuqqas ta' unità u koordinazzjoni fost l-Istati Membri jista', kultant, jillimita l-effettività u l-aġilità ta' azzjoni fil-livell tal-UE, li jista' jippermetti setgħat barranin japplikaw strateġiji ta' ifred u saltan.

**Il-kriżi tal-COVID-19 żvelat id-dipendenza żejda tal-Ewropa fuq fornituri mhux mill-UE għal materja prima kritika[79], u enfasizzat kif l-interruzzjonijiet fil-provvista jistgħu jaffettwaw l-ekosistemi industrijali u setturi produttivi oħra.**. Filwaqt li hemm sorsi alternattivi ta' provvista għall-biċċa l-kbira tal-prodotti, l-Ewropa qed tiddependi dejjem aktar fuq għadd limitat ta' fornituri esterni għal xi prodotti, komponenti u materja prima kritiċi (**il-Kaxxa 3.1**), kif ukoll prodotti agrikoli. L-għeluq tal-fabbriki fil-hotspots tal-COVID-19 fiċ-Ċina u fit-Tramuntana tal-Italja wassal għal għeluq madwar l-Ewropa kollha ta' impjanti awtomobilistiċi, li rriżulta f'telf ekwivalenti għal 12,5 % tal-produzzjoni totali għall-2019[80]. Toħroġ stampa simili għall-farmaċewtiċi mill-Indja li twassal għal skarsezzi ta' mediċini ġeneriċi[81]. F'April 2020, il-produzzjoni industrijali Ewropea kienet naqset b'27 % fuq 12-il xahar[82]. Barra minn hekk, l-Ewropa tiddependi ħafna fuq pajjiżi terzi għal komponenti avvanzati għall-ipproċessar tad-*data*, b'mod partikolari l-mikroproċessuri, b'madwar 10 % biss tal-produzzjoni globali fl-UE[83]. B'tensjonijiet globali li qed jiżdiedu, il-ktajjen tal-provvista Ewropej qed isiru dejjem aktar vulnerabbli.

**Kaxxa 3.1: STUDJU TAL-KAŻI - Materja prima kritika**

**Irrispettivament mill-interruzzjonijiet fil-provvista matul il-kriżi tal-COVID-19, l-UE tiddependi ħafna fuq pajjiżi mhux tal-UE għal materja prima kritika li hija essenzjali biex tibqa' fuq**

[74] D. Fiott, 2020, Uncharted territory? Lejn analiżi komuni tat-theddid u kumpass strateġiku għas-sigurtà u d-difiża tal-UE, l-Istitut Ewropew tal-Istudji dwar is-Sigurtà

[75] Il-Bank Dinji jistma li, sal-2050, it-tibdil fil-klima jista' jġiegħel lil aktar minn 140 miljun persuna jsiru migranti interni tal-klima madwar l-Afrika, l-Ażja t'Isfel u l-Amerka Latina (https://www.worldbank.org/en/news/press-release/2018/03/19/climate-change-could-force-over-140-million-to-migrate-within-countries-by-2050-world-bank-report).

[76] Dan jeħtieġ ukoll aktar evidenza u riċerka, li janalizzaw il-kumplessità ta' fatturi interkonnessi fit-tul, bħala parti mill-approċċ ta' tbassir, kif żviluppat miċ-Ċentru tal-Għarfien għad-Demografija (https://ec.europa.eu/knowledge4policy/migration-demography_en).

[77] COM(2020) 605 final, L-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE.

[78] Se jkunu proposti soluzzjonijiet permezz ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi taħt il-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

[79] Il-ktajjen tal-provvista globali huma kumplessi ħafna. L-intrapriżi multinazzjonali huma responsabbli għal żewġ terzi tal-kummerċ internazzjonali bi frammentazzjoni għolja tal-produzzjoni ta' oġġetti intermedji mibgħuta bil-baħar bejn siti ta' produzzjoni differenti (https://iap.unido.org/articles/lessons-past-disruptions-global-value-chains; https://www.entrepreneur.com/article/349229).

[80] https://www.acea.be/press-releases/article/298-automobile-factories-operating-across-europe-new-data-shows.

[81] https://www.wto.org/english/tratop_e/covid19_e/trade_related_goods_measure_e.htm.

[82] https://ec.europa.eu/eurostat/documents/2995521/10294900/4-12062020-AP-EN.pdf/93c51a4c-e401-a66d-3ab3-6ecd51a1651f

[83] https://www.economist.com/leaders/2018/12/01/chip-wars-china-america-and-silicon-supremacy.

**quddiem nett tal-kompetizzjoni globali – kemm f'termini ekonomiċi kif ukoll ta' difiża (il-Figura 3.1).** L-indirizzar tad-dipendenza żejda fuq pajjiżi li mhumiex fl-UE għal materja prima kritika[84], bħall-grafit, il-kobalt, il-litju u l-materjali tal-art rari[85], huwa għalhekk wieħed mill-elementi kruċjali biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Ewropa f'teknoloġiji ewlenin meħtieġa biex tinkiseb soċjetà diġitali u newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju. Dawn jinkludu batteriji, ċelloli tal-fjuwil, enerġija mix-xemx u mir-riħ, kif ukoll l-idroġenu. Hekk kif jintużaw aktar minn dawn it-teknoloġiji, l-UE tirriskja li tissostitwixxi d-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili b'dipendenza fuq firxa ta' materja prima, li ħafna minnhom jiġu minn barra. Skont xenarju ta' domanda għolja, l-UE tkun teħtieġ 18-il darba aktar litju sal-2030 u 60 darba aktar sal-2050[86]. **Il-Figura 3.2** tindika li l-estrazzjoni globali tal-materja prima, inkluża l-materja prima kritika, hija projettata li tkun aktar mid-doppju sal-2050.

**Dipendenza għolja titlob reżiljenza akbar u diversifikazzjoni tal-provvista**, b'mod partikolari billi jsir użu aħjar mis-sorsi domestiċi tal-UE, iċ-ċirkolarità tal-materja prima jew l-estensjoni tal-ħajja tal-prodotti b'enfasi fuq l-użu mill-ġdid, it-tiswija u r-riċiklaġġ, kif ukoll permezz tal-politika kummerċjali strateġika u d-diplomazija tagħna.

**L-isfruttament tal-*minjieri urbani*, jiġifieri l-irkupru ta' materja prima mill-iskart urban permezz tar-riċiklaġġ, jista' eventwalment jissodisfa parti kbira mid-domanda tal-UE għal materja prima kritika[87].** L-Ewropa hija mexxejja globali fl-infrastruttura tagħha għar-riċiklaġġ tal-metalli, u l-industrija Ewropea tipproduċi aktar minn nofs il-metalli komuni tagħha minn sorsi riċiklati, meta mqabbla ma' 19 % fil-bqija tad-dinja. Iżda jeħtieġ li jsir aktar jekk l-UE trid tiżgura r-riżorsi li teħtieġ biex twettaq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

**Ir-riżorsi minerali proprji tal-Ewropa mhumiex sfruttati biżżejjed, u l-UE għandha vulnerabbiltajiet fl-ipproċessar, ir-riċiklaġġ, ir-raffinar u s-separazzjoni[88].** Dan huwa minħabba l-kostijiet għoljin tal-produzzjoni meta mqabbla mal-prezzijiet tas-suq globali, u l-istandards ambjentali għoljin u l-livelli baxxi attwali ta' aċċettazzjoni pubblika. L-investiment fil-produzzjoni ta' materja prima primarja u sekondarja jkun ta' benefiċċju għall-impjiegi fl-industriji kollha tal-manifattura. L-estrazzjoni u r-raffinar fl-UE diġà jimpjegaw 3,4 miljun ħaddiem, filwaqt li l-manifattura relatata tammonta għal 25 miljun impjieg ieħor. It-tiswija u l-irkupru tal-materjali jipprovdu 2,2 miljun impjieg, numru li qed jikber. Dawn l-investimenti jistgħu jgħinu biex jinżammu l-ħiliet ta' teknoloġija għolja ġeoloġiċi u metallurġiċi eżistenti u jiġu żviluppati oħrajn ġodda biex tingħata spinta lill-kompetittività globali tal-UE f'settur li għandu potenzjal sod ta' tkabbir fis-Seklu 21. Madankollu, l-investimenti fil-kapaċitajiet tal-minjieri tal-UE jenħtieġ li ma jsirux għad-detriment tal-istandards ambjentali.

**Il-Figura 3.1[89] Riskju tal-provvista ta' materja prima għal teknoloġiji ewlenin[90]**

[84] L-istrateġiji biex jingħelbu d-dipendenzi jinkludu d-diversifikazzjoni tas-sorsi, l-iżvilupp ta' sostituti, jew l-estensjoni tal-ħajja ta' prodotti relatati.
[85] L-industrija Ewropea, speċjalment il-produzzjoni tal-batteriji, il-muturi u l-ġeneraturi tar-riħ, tiddependi fuq l-importazzjonijiet tal-grafit (li 48 % minnu ġej miċ-Ċina), tal-kobalt (li 68 % minnu ġej mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo), tal-litju (li 78 % minnu ġej miċ-Ċili) u tal-elementi terrestri rari (li minnhom kważi 100 % jiġu miċ-Ċina).
[86] Il-Kummissjoni Ewropea, *Critical Raw Materials for strategic technologies and sectors – a sight study*, 2020 (doi: 10.2873/58081).
[87] www.prosumproject.eu.
[88] https://minatura2020.eu.
[89] Il-Figura 3.1 turi r-riskji tal-provvista għall-materja prima (fuq skala minn 1 sa 6), teknoloġiji ewlenin li jintużaw fihom u s-sorsi ġeografiċi tagħhom.
[90] Il-Kummissjoni Ewropea, Critical Raw Materials for strategic technologies and sectors – a sight study, 2020 (doi: 10.2873/58081).




**Figura 3.2. Estrazzjoni globali tal-materjal skont it-tip ta' riżorsa**[91]

[91] OECD, 2019, Global Material Resources Outlook to 2060: Economic Drivers and Environmental Consequences, OECD publishing, Paris...




**Il-kummerċ u l-investiment naqsu, u b'hekk dgħajfu l-prosperità u l-istabbiltà globali.** Skont l-istimi, il-volumi tal-kummerċ dinji se jonqsu b'bejn 9 % (FMI) u 32 % (WTO) fl-2020, filwaqt li l-investiment dirett barrani naqas bi 28,2 % fl-ewwel nofs tal-2020 meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2019[92].

**Is-sovranità ekonomika tal-Ewropa hija fil-periklu.** Setgħat globali oħra qed jikkombinaw interessi ġeopolitiċi u ekonomiċi biex iżidu l-influwenza tagħhom fid-dinja. Dan jinkludi l-protezzjoniżmu, il-kontroll tal-esportazzjoni u r-rwol internazzjonali tal-muniti. Filwaqt li r-rwol internazzjonali tal-euro qed jiżdied, għadu 'lbogħod milli jisfida lil dak tad-dollaru Amerikan. Il-COVID-19 poġġa l-assi industrijali u korporattivi tal-Ewropa taħt stress, li jitlob li tiġi protetta s-sovranità ekonomika tagħha permezz ta' strateġija integrata[93]. L-insolvenzi minħabba l-pandemija qed jesponu lill-industriji strateġiċi tal-UE għal akkwiżizzjonijiet ostili barranin. Dan iżid iċ-ċansijiet tal-investituri barranin li jippruvaw jakkwistaw assi strateġiċi Ewropej, speċjalment fil-ktajjen tal-provvista tas-saħħa, tad-difiża u tal-ispazju[94], kif ukoll għal infrastrutturi kritiċi. Biex jiġu ppreservati l-kumpaniji u l-assi kritiċi, jeħtieġ li l-ftuħ tal-UE għall-investiment barrani jiġi bbilanċjat bl-għodod xierqa[95]. Ir-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-Investiment Dirett Barrani[96] se jgħin biex jissalvagwardja s-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Ewropa permezz ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar l-investiment dirett barrani li ġej. Jenħtieġ li s-sussidji barranin jiġu indirizzati wkoll billi jistgħu jgħawġu s-suq intern tal-UE u jimminaw il-kundizzjonijiet ekwi[97].

**Il-kriżi aċċellerat l-attakki minn reġimi awtoritarji kontra s-sistemi demokratiċi permezz ta' narrattivi qarrieqa.** It-tixrid ta' miżinformazzjoni u diżinformazzjoni u teoriji ta' konfoffa jirrappreżenta theddida għad-demokrazija[98]. Teoriji ta' konspirazija dwar il-

---

[92] It-tnaqqis jirreferi għall-għadd ta' negozjati rigward l-akkwist ta' ishma azzjonarji ta' mill-inqas 10 % tal-kapital totali bejn Jannar u Ġunju 2020 meta mqabbel mal-2019. It-tnaqqis huwa ta' -33.5% għall-investimenti transfruntiera intra-UE, u ta' -23 % għall-investimenti mhux tal-UE fl-Ewropa. Sors: JRC Foreign Investment Bulletin, Lulju 2020, JRC 121392.

[93] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_20_528,https://www.bruegel.org/wp-content/uploads/2019/06/PC-09_2019_final-1.pdf, https://peacediplomacy.org/2019/10/25/how-eu-can-achieve-economic-sovereignty/.

[94] C(2020) 1981 final, Gwida lill-Istati Membri rigward l-investiment dirett barrani, il-moviment liberu tal-kapital minn pajjiżi terzi u l-protezzjoni tal-assi strateġiċi tal-Ewropa, qabel l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/452 (Ir-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-FDI)

[95] *Ibidem.*

[96] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni Ir-Regolament se japplika mill-11 ta' Ottubru 2020.

[97] COM(2020) 253 final, White Paper dwar il-kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tas-sussidji barranin.

[98] JOIN(2020) 8 final, Nindirizzaw id-diżinformazzjoni tal-COVID-19 - Nagħtu l-fatti tajbin; ara wkoll https://euvsdisinfo.eu/eeas-special-report-update-short-assessment-of-narratives-and-disinformation-around-the-COVID-19COVID-19-pandemic/.

COVID-19 u l-propagazzjoni tal-eżitazzjoni ġenerali dwar it-tilqim qed ikomplu jpoġġu l-ħajja tan-nies f'riskju[99]. Tali "infodemiji"[100] huma kemm il-kawża kif ukoll il-konsegwenza ta' nuqqas dejjem jikber ta' fiduċja fil-gvernijiet u l-midja[101], li jżid il-pressjoni fuq l-UE biex tipproteġi b'mod aktar enerġetiku l-valuri li nbniet fuqhom u żżid l-isforzi biex tiddefendi d-demokrazija u l-istat tad-dritt. L-istituzzjonijiet tal-UE qed jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni[102], u b'hekk iżidu r-reżiljenza demokratika, li hija fil-qalba tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija li jmiss.

***<u>Opportunitajiet</u>***

**Il-bidla lejn dinja dejjem aktar multipolari toffri opportunità ġdida għall-Ewropa biex issaħħaħ ir-rwol tagħha fl-ordni globali u tmexxi l-qawmien mill-ġdid tal-istrutturi ta' governanza multilaterali.** Il-proċess ta' globalizzazzjoni, li naqas temporanjament, x'aktarx li jerġa' jibda ladarba l-kriżi tgħaddi. Fl-istess ħin, il-*glokalizzazzjoni* – li tikkombina mudelli kummerċjali globali ma' aktar kunsiderazzjoni għal-lokalizzazzjoni tal-produzzjoni, tal-konsum, u tat-tassazzjoni – toffri opportunitajiet imġedda għall-UE biex tippożizzjona lilha nnifisha bħala mexxejja u mudell għad-dinja, ġaladarba jkunu fis-seħħ il-kundizzjonijiet it-tajba (pereż. it-tassazzjoni, id-disponibbiltà tal-finanzjament, l-istandards).

**Kooperazzjoni b'saħħitha ma' demokraziji tal-istess fehma hija dejjem aktar importanti.** L-UE trid tipproteġi l-ftuħ u n-natura demokratika tal-mudell tagħha, u teħtieġ li timmobilizza s-sħab tagħha f'dawn l-isforzi, filwaqt li tissalvagwardja l-valuri fundamentali tagħha minn indħil barrani. Ir-rispett lejn id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt irid jibda minna u jenħtieġ li jkompli jkun il-prinċipju gwida tar-relazzjonijiet esterni tal-UE, inkluż fir-rigward tat-teknoloġiji diġitali. Kooperazzjoni u sħubijiet ibbażati fuq kwistjonijiet ma' pajjiżi tal-istess fehma, u pajjiżi oħra fejn possibbli, huwa investiment f'governanza u inizjattivi multilaterali. Bis-setgħa tagħha li tlaqqa', l-UE tista' tkun sieħba tal-ewwel għażla għall-pajjiżi madwar id-dinja.

**It-tisħiħ tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-Ewropa huwa imperattiv.** Il-kriżi toffri opportunità ekonomika, soċjali u ekoloġika biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE għal xokkijiet futuri u tiżgura postha fil-ktajjen tal-valur globali tal-ġenerazzjoni li jmiss. Kif iddikjarat fil-pjan ta' rkupru Ewropew, dan ifisser it-tiswir tal-governanza ekonomika globali u l-iżvilupp ta' relazzjonijiet bilaterali ta' benefiċċju reċiproku, filwaqt li nipproteġu lilna nfusna minn prattiki inġusti u abbużivi. Dan huwa essenzjali biex jgħin lill-UE tiddiversifika u ssaħħaħ il-ktajjen tal-provvista globali f'setturi kritiċi, tintensifika r-rabtiet mas-sħab, inkluż fl-Afrika, tirriloka l-produzzjoni fejn meħtieġ, tiżviluppa sostituti permezz tal-innovazzjoni, u żżid ir-riżervi strateġiċi tagħna[103].

[99] Teorija ta' konspirazija dwar il-konnessjoni bejn il-5G, iċ-ċippjar u l-COVID-19 infirxu b'mod wiesa' fuq il-midja soċjali (Downing, J., Ahmed, W., Vidal-Alaball, J. & Lopez Seguí, F., 2020, Battling fake news and (in)security during COVID-19. E-International Relations).
[100] L-infodemiċi huma r-riżultat tal-azzjoni simultanja ta' diversi sorsi umani u mhux umani ta' aħbarijiet foloz jew mhux affidabbli (https://arxiv.org/pdf/2004.03997.pdf).
[101] https://www.cogitatiopress.com/politicsandgovernance/article/view/2478.
[102] https://www.europol.europa.eu/staying-safe-during-covid-19-what-you-need-to-know; https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/health/coronavirus-response/fighting-disinformation_en.
[103]COM(2020) 102 final, L-istrateġija industrijali ġdida.

**Jeħtieġ ukoll li tiġi żgurata provvista affidabbli ta' ikel madwar l-UE**. Il-Kummissjoni għalhekk, se tkompli tissorvelja s-sigurtà tal-ikel u l-kompetittività. Se tkompli tivvaluta r-reżiljenza tas-sistema tal-ikel u żżid il-koordinazzjoni tagħha ta' rispons Ewropew komuni għall-kriżijiet. Bħala l-akbar importatur u esportatur ta' prodotti agroalimentari, l-UE se tkompli tippromwovi t-tranżizzjoni globali lejn sistemi tal-ikel sostenibbli.

**Huwa fundamentali li nkunu aktar strateġiċi dwar il-materja prima.** L-UE trid tiżgura provvista sostenibbli ta' materja prima kritika. Dan ifisser il-bini ta' ktajjen tal-valur diversifikati, it-tnaqqis tad-dipendenza, iż-żieda taċ-ċirkolarità, l-appoġġ għall-innovazzjoni għall-alternattivi u l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi aktar ekoloġiċi u soċjalment responsabbli fis-suq uniku u lil hinn minnu. L-opportunitajiet ewlenin jinkludu l-Alleanza Ewropea tal-Materja Prima li jmiss[104] u l-Kapaċità tal-Intelligence tal-UE dwar il-Materja Prima[105], biex dawn il-kwistjonijiet jiġu esplorati mal-industrija u ma' partijiet ikkonċernati ewlenin.

**Sistema kummerċjali stabbli bbażata fuq ir-regoli u kundizzjonijiet ekwi huma objettivi ewlenin għall-UE.** Hija biss politika kummerċjali u ta' investiment b'saħħitha li tista' tappoġġa l-irkupru ekonomiku wara l-COVID-19, toħloq l-impjiegi, tipproteġi lill-kumpaniji tal-UE minn prattiki inġusti lokalment u lil hinn, u tiżgura koerenza ma' prijoritajiet usa' fl-oqsma tas-sostenibbiltà, it-tibdil fil-klima, l-ekonomija diġitali u s-sigurtà[106]. Il-kriżi attwali tista' tipprovdi opportunità biex jiġu xprunati riformi sinifikanti tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u jinbnew ekonomiji aktar kompetittivi, sostenibbli u reżiljenti. L-UE diġà nediet inizjattiva tas-saħħa fil-qafas tad-WTO biex tkompli tappoġġa d-disponibbiltà globali u l-provvista ta' prodotti essenzjali tas-saħħa. L-UE issa tinsab fil-proċess li tirrevedi l-politika kummerċjali tagħha, bil-ħsieb li ssaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha.

**L-alleanzi industrijali jistgħu jkunu fuq quddiem nett ta' din il-bidla, billi jlaqqgħu flimkien investituri, istituzzjonijiet pubbliċi u sħab industrijali biex jgħinu lill-industrija tiżviluppa teknoloġiji strateġiċi.** Dan l-approċċ diġà qed juri riżultati fl-oqsma tal-batteriji u l-idroġenu. F'dan il-kuntest, għadd ta' alleanzi eżistenti u futuri[107] se jgħinu lill-Ewropa tmexxi t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, iżżomm it-tmexxija industrijali u tkun ta' benefiċċju għan-negozji u s-soċjetà Ewropej filwaqt li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-Ewropa.

**<u>Il-prospettiva strateġika tista' tintuża biex tidentifika xenarji possibbli għall-post tal-UE fl-ordni globali futura u biex titfassal l-aħjar triq lejn il-futur mixtieq.</u>** Din tista' tgħin fl-iżvilupp ta' analiżi li tħares 'il quddiem dwar kif tista' tiġi sfruttata s-setgħa tal-UE biex tappoġġa l-istrateġiji tagħha għall-kooperazzjoni u s-sħubijiet. Tista' tgħin ukoll biex jiġu identifikati alleanzi possibbli, jiġu analizzati ekosistemi differenti u jiġu vvalutati r-riskji, l-opportunitajiet u l-ħtiġijiet futuri għall-industriji strateġiċi. Barra minn hekk, il-prospettiva tista' tgħin biex jiġu definiti għażliet strateġiċi għall-aħjar taħlita ta' approċċi għal

[104] COM(2020) 474 final, Reżiljenza Kritika tal-Materja Prima: Inwittu t-Triq lejn Sigurtà u Sostenibbiltà akbar.
[105] https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/bitstream/JRC109889/jrc109889_mica_jrc_technical_report_1.pdf.
[106] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_20_1058.
[107] L-Alleanza Ewropea tal-Batteriji, l-Alleanza tal-Plastik, l-Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif, l-Alleanza Ewropea għad-*Data* Industrijali u l-Clouds u l-Alleanza Ewropea tal-Materja Prima .

awtonomija strateġika miftuħa, mid-diversifikazzjoni tas-sħab kummerċjali sat-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE stess.

### 3.3. Id-dimensjoni ekoloġika

**Ir-reżiljenza ekoloġika hija dwar il-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050, filwaqt li nimmitigaw it-tibdil fil-klima u nadattaw għalih, innaqqsu t-tniġġis u nirrestawraw il-kapaċità tas-sistemi ekoloġiċi biex insostnu l-kapaċità tagħna li ngħixu sew fil-limiti tal-pjaneta.** Dan jinvolvi l-eliminazzjoni tad-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili, it-tnaqqis tal-impatti tagħna fuq ir-riżorsi naturali, il-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-iżvilupp ta' ekonomija nadifa u ċirkolari, il-kisba ta' ambjent ħieles mit-tossiċità, tibdil fl-istili ta' ħajja, fix-xejriet ta' produzzjoni u konsum, infrastruttura li tiflaħ għat-tibdil fil-klima, il-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda għal ħajja b'saħħitha, negozju u impjiegi ekoloġiċi, ħidma attiva għar-restawr tal-ekosistema, kif ukoll li nsalvaw l-ibħra u l-oċeani tagħna.

***<u>Kapaċitajiet</u>***

**Il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jikseb soċjetà newtrali għall-klima sal-2050**, filwaqt li jfittex li jikseb reżiljenza kemm biex jimmitiga l-impatt tat-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u t-telf tal-bijodiversità u kemm biex jadatta għalihom. Dan huwa parti integrali minn din l-istrateġija tal-Kummissjoni biex timplimenta l-Aġenda 2030 tan-NU u l-SDGs. Dan jimplika dekarbonizzazzjoni sħiħa tas-settur tal-enerġija u elettrifikazzjoni sostanzjali tad-domanda għall-enerġija. L-emissjonijiet mill-użu tal-art jeħtieġ li jixxejnu u l-użu tal-art bħala bir tal-karbonju jeħtieġ li jittejjeb billi jiġi restawrat l-ambjent u jiġi adattat is-settur tal-biedja, filwaqt li tiġi żgurata kwalità tal-ħajja ogħla għal kulħadd fl-UE b'mod kosteffiċjenti sabiex jinkiseb aktar tkabbir ekonomiku u l-Ewropa tkun tista' taġixxi bħala sinjal ta' trasformazzjoni għall-bqija tad-dinja. Biex tiġi segwita din it-triq, il-kapaċitajiet tal-UE jenħtieġ li jingħataw spinta biex jirkupraw mill-kriżi u jsir investiment f'sostenibbiltà fit-tul (il-Kaxxa 3.2 ).

**Kaxxa 3.2: Xenarji ta' prospettiva għall-istrateġija klimatika tal-UE 2050 u rilevanza għall-Patt Ekoloġiku**

F'dawn l-aħħar żewġ deċennji ġew irreġistrati 18 mill-aktar snin sħan[108]. Jekk it-temperaturi jkomplu jogħlew biss b'0,2 °C kull 10 snin, il-ħsara annwali mill-għargħar tax-xmajjar fl-Ewropa tista' tiżdied minn EUR 5 biljun għal EUR 112-il biljun u 16 % taż-żona klimatika Mediterranja attwali tista' ssir arida u mhux produttiva sa tmiem is-seklu. Sal-2050, it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u ż-żoni kostali mgħarrqa jistgħu jġiegħlu lil aktar minn 140 miljun persuna jsiru migranti interni madwar l-Afrika, l-Asja t'Isfel u l-Amerika Latina[109].

L-istrateġija tal-UE dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ppreżentata lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (United Nations Framework Convention on Climate Change, UNFCCC)[110], kienet ibbażata fuq tmien xenarji b'dimensjonijiet ta' prospettiva[111]. *L-ewwel ħames xenarji indirizzaw l-ambizzjoni inqas sew minn 2 °C*, u għandhom l-għan li ta' tnaqqis ta' madwar 80 % fl-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra fl-2050 meta mqabbel mal-1990. Huma kkunsidraw portafolli differenzjati ta' għażliet għad-dekarbonizzazzjoni u l-kompromessi identifikati: pereżempju, l-għażliet li jiffukaw aktar fuq l-elettrifikazzjoni għall-użu aħħari jeħtieġu wkoll użu għoli ta' ħżin (sitt darbiet il-livelli tal-lum) biex jittrattaw il-varjabbiltà fil-produzzjoni tal-elettriku, iżda l-għażliet li jużaw aktar idroġenu jeħtieġu aktar elettriku biex l-ewwel nett jipproduċuh[112]. L-azzjonijiet u t-teknoloġiji mill-ħames xenarji tal-ewwel kategorija ġew ikkombinati f'sitt xenarju (COMBO). Dan jirriżulta fi tnaqqis nett tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 qrib id-90 % meta mqabbel mal-1990, bi ftit dipendenza fuq teknoloġiji ta' emissjonijiet negattivi u mingħajr bidliet fil-preferenzi tal-konsumatur.

Fl-aħħar nett, l-aħħar żewġ xenarji kkunsidraw dak li huwa meħtieġ biex l-UE tilħaq żero nett tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra sal-2050, u b'hekk tkun tat sehemha fl-isforz globali lejn l-għan tal-Ftehim ta' Pariġi li jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C meta mqabbla mal-livelli preindustrijali. Is-seba' xenarju jħares lejn il-ġbir u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju, u t-tmien xenarju jassumi spinta lejn ekonomija aktar ċirkolari li tirriżulta mix-xejriet tan-negozju u tal-konsum tal-UE. Dan tal-aħħar jinkludi kontinwazzjoni tax-xejra lejn dieti b'intensità inqas ta' karbonju, l-ekonomija kollaborattiva fit-trasport, l-użu ta' modi tat-trasport aktar sostenibbli u użu aktar razzjonali tal-enerġija għat-tisħin u t-tkessiħ.

Ix-xenarji wrew il-portafoll ta' għażliet li jimmobilizzaw teknoloġiji eżistenti u ġodda fis-setturi ekonomiċi kollha biex l-Ewropa tkun newtrali għall-klima sal-2050. Filwaqt li x-xogħol fuq ix-xenarji jkompli jappoġġa l-iżvilupp tal-politika dwar il-klima, it-tranżizzjoni ekoloġika tirrikjedi li kulħadd jagħti sehmu. **Il-Patt Ekoloġiku Ewropew stabbilixxa aġenda trasformattiva mibnija madwar l-elementi li ġejjin**, waqt li huwa impenjat li jintegra s-sostenibbiltà fil-politiki kollha tal-UE, u b'mod partikolari jiżgura tranżizzjoni ġusta:

1. jiżdiedu l-ambizzjonijiet klimatiċi tal-UE għall-2030 u l-2050;

[108] https://www.ipcc.ch/sr15/.
[109] https://www.worldbank.org/en/news/press-release/2018/03/19/climate-change-could-force-over-140-million-to-migrate-within-countries-by-2050-world-bank-report.
[110] Preżentazzjoni lill-UNFCCC ta' strateġija fit-tul għal żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, (https://unfccc.int/sites/default/files/resource/HR-03-06-2020%20EU%20Submission%20on%20Long%20term%20strategy.pdf ).
[111] Analiżi fil-fond b'sostenn għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, COM(2018) 773 (https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/docs/pages/com_2018_733_analysis_in_support_en_0.pdf).
[112] COM(2018) 773 final, Pjaneta Nadifa għal kulħadd. Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima ( https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52018DC0773&from=MT).

2. tkun provduta enerġija nadifa, affordabbli u sigura;
3. tkun immobilizzata l-industrija għal ekonomija nadifa u ċirkolari;
4. isir u jkun rinnovat il-bini b'mod effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi;
5. tkun aċċellerata l-bidla lejn mobilità sostenibbli u intelliġenti;
6. "mill-għalqa sal-platt": sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent;
7. tkun priservati u riabilitati l-ekosistemi u l-bijodiversità;
8. ambizzjoni ta' tniġġis żero għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi.

**Is-setgħa regolatorja tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam ambjentali, tista' twassal biex jintużaw l-ogħla standards biex tintrifed is-sostenibbiltà kompetittiva.** F'dawn l-aħħar għexieren ta' snin l-azzjoni tal-UE tejbet b'mod sinifikanti mhux biss il-kwalità tal-ambjent tal-Ewropa, iżda wkoll il-ħajja taċ-ċittadini tagħha. F'ħafna oqsma, l-istandards ambjentali tal-UE ġew emulati minn pajjiżi oħra. L-UE kienet l-ewwel reġjun globali li għadda leġiżlazzjoni vinkolanti li tinkludi l-miri tal-klima u l-enerġija u ssir ekonomija effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija[113].

**L-UE hija mexxej dinji fil-bidla lejn ekonomija nadifa u ċirkolari.** Il-konsumaturi Ewropej huma forza importanti f'dan l-isforz. Skont il-pjan ta' azzjoni għal ekonomija ċirkolari[114], l-appoġġ tal-UE jenħtieġ li jkun iffukat fuq katini tal-valur prijoritarji, waqt li jikkunsidra setturi u mudelli ta' negozju b'opportunitajiet għall-ħolqien tal-impjiegi[115]. L-investimenti tal-ekonomija ċirkolari u l-għodod ta' politika (pereż. l-ekodisinn[116], it-tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika, l-akkwist pubbliku ekoloġiku, il-mudelli tan-negozju ċirkolari abilitati diġitalment, u l-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali) jgħinu biex jitnaqqsu l-impronti ambjentali u klimatiċi kumplessivi.

**Dawk li huma minn ta' quddiem fl-industrija tal-UE qed juru kif il-produzzjoni u s-servizzi nodfa, bijoloġiċi u ċirkolari huma muturi importanti tal-kompetittività u t-tkabbir.** It-titjib fl-effiċjenza fir-riżorsi, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, il-protezzjoni tal-ilma, l-adozzjoni ta' mudelli kummerċjali ċirkolari ġodda, produzzjoni aktar nadifa, l-ekoinnovazzjoni u l-iżvilupp ta' swieq ekoloġiċi qed jittrasformaw ħafna industriji Ewropej f'mexxejja dinjin. Il-Kummissjoni għandha l-għan li tiżgura l-konsistenza u s-sinerġiji bejn il-politiki ambjentali, klimatiċi, enerġetiċi u industrijali[117]. Dan jinvolvi li nimxu lil hinn minn "kastig għal min iniġġes" biex nipprovdu qafas li jwassal biex jiġi evitat it-tniġġis u tiżdied l-effiċjenza enerġetika u tal-materjali. Barra minn hekk, l-appoġġ tal-UE għal bijoekonomija sostenibbli jfittex it-trasformazzjoni tal-bażi agrikola u industrijali tal-Ewropa permezz tal-ħolqien ta' ktajjen ta' valur b'bażi bijoloġika ġodda, kif ukoll proċessi industrijali aktar ekoloġiċi u kosteffettivi. Ittejjeb ukoll l-i*status* kumplessiv tar-riżorsi naturali u l-ekosistemi tagħna. L-industriji bbażati fuq il-prodotti bijoloġiċi jistgħu joħolqu miljun impjieg ġdid sal-2030 [118].

**L-investiment enormi biex jassisti l-irkupru se jagħti spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika.** Biex nimxu lejn soċjetà newtrali għall-klima u ekonomija ambjentalment sostenibbli, jeħtieġ

[113] https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/docs/factsheet_climate_change_2015_en.pdf.
[114] https://ec.europa.eu/environment/circular-economy/pdf/new_circular_economy_action_plan.pdf.
[115] https://ec.europa.eu/environment/circular-economy/pdf/leading_way_global_circular_economy.pdf.
[116] Ta' min jinnota li sa 80 % tal-impatti ambjentali tal-prodotti huma determinati fil-fażi tad-disinn.
[117] https://ec.europa.eu/environment/industry/.
[118] COM(2018)673 u SWD(2018)431, Bijoekonomija sostenibbli għall-Ewropa: It-tisħiħ tal-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent; Ir-Rapport ta' EuropaBio, 2016, Jobs and growth generated by industrial biotechnology in Europe.

li s-sorsi ta' finanzjament jinġabru fil-livelli kollha. Il-baġit tal-UE u l-pakkett ta' rkupru inkluż, fost l-oħrajn, strumenti speċifiċi bħall-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli[119] u l-Fond għall-Innovazzjoni[120] għandhom l-għan li jimmobilizzaw riżorsi privati u pubbliċi matul l-10 snin li ġejjin biex jiffukaw fuq l-investimenti klimatiċi, ambjentali u soċjali relatati mat-tranżizzjoni sostenibbli[121]. Il-Kummissjoni qed tħejji ukoll strateġija għall-finanzi sostenibbli mġedda, biex toħloq opportunitajiet ta' investiment sostenibbli u ttejjeb il-ġestjoni tar-riskju relatat mas-sostenibbiltà. Kif iddikjarat mill-Kunsill Ewropew, 30 % tal-EUR 1,82 triljun miftehma permezz tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 u Next Generation EU se jmorru għall-infiq relatat mal-klima[122]. Il-finanzjament fl-oqsma kollha jrid ikun ibbażat fuq il-prinċipju "tagħmilx ħsara"[123]. Il-mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, inkluż il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, se jappoġġa lill-Istati Membri u lir-reġjuni l-aktar milquta mit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika[124].

**L-ekonomija blu tal-Ewropa għandha rwol importanti biex tikkontribwixxi għar-reżiljenza.** Il-preservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar hija essenzjali biex jiġi żgurat il-futur tas-setturi ekonomiċi marittimi. Minbarra r-riżorsi naturali għall-ekonomija, l-oċeani u l-ibħra tal-Ewropa jipprovdu ħabitat għall-ħajja tal-baħar, sekwestru tal-karbonju, enerġija rinnovabbli, u protezzjoni kostali mit-tibdil fil-klima.

***<u>Vulnerabbiltajiet</u>***

**It-tibdil fil-klima qed jagħmel l-avvenimenti estremi tat-temp aktar frekwenti u aktar intensi, anki fl-Ewropa**[125]. Iż-żieda fit-temperatura medja globali taħbi impatti reġjonali saħansitra aktar estremi. L-impatti jvarjaw minn nirien bla preċedent tal-foresti u mewġ tas-sħana 'il fuq miċ-Ċirku Artiku, għal perjodi ta' nixfa li qed isiru dejjem aktar devastanti fir-reġjun tal-Mediterran; u mill-erożjoni kostali li qed taċċellera fuq il-kosta tal-Atlantiku għal aktar għargħar sever u foresti deċimati fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Dan kollu nħallsu qares għalih – proġettazzjonijiet reċenti juru li l-esponiment tal-ekonomija tal-UE għal tisħin globali ta' 3 °C jirriżulta f'telf annwali addizzjonali ta' mill-inqas EUR 170 biljun (1,36 % tal-PDG) u jiswa għexieren ta' eluf ta' ħajjiet[126].

**Il-mudell kurrenti tagħna tal-produzzjoni u l-konsum qed jesponi dejjem aktar lin-nies u lill-ambjent għall-impatt ta' sustanzi perikolużi.** It-tniġġis kimiku jaffettwa s-saħħa u r-rispons tal-antikorpi għall-vaċċini[127], iż-żieda fil-morbożità u l-mortalità minn mard li

[119] https://ec.europa.eu/clima/policies/innovation-fund_mt.
[120] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/qanda_20_24.
[121] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/fs_20_48.
[122] L-hekk imsejħa "integrazzjoni tat-tibdil fil-klima". Ara: https://www.consilium.europa.eu/media/45116/210720-euco-final-conclusions-mt.pdf.
[123] Il-prinċipju "tagħmilx ħsara" ifisser li l-ebda attività jew finanzjament mhu se jdgħajjef jew imur kontra l-objettivi klimatiċi jew ambjentali.
[124] https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal/actions-being-taken-eu/just-transition-mechanism/just-transition-funding-sources_mt.
[125] Ir-rapport dwar l-Istat tal-Ambjent Ewropew tal-2020 jikkonkludi li t-tibdil fil-klima żied b'mod sostanzjali l-okkorrenza tal-estremi klimatiċi u tat-temp.
[126] https://ec.europa.eu/jrc/en/peseta-iv.
[127] Studji epidemjoloġiċi jappoġġaw il-konklużjoni li l-PFOS u l-PFOA huma assoċjati ma' rispons imnaqqas tal-antikorpi għat-tilqim; L-opinjoni xjentifika tal-EFSA dwar il-PFAS.

jittieħed[128]. Id-dinja qiegħda tonqos milli tilħaq il-miri miftehma għall-ġestjoni tajba tal-kimiċi u l-iskart[129], waqt li l-produzzjoni kimika globali mistennija tirdoppja sal-2030[130], u l-impatt fuq in-nies u l-ambjent se jkun aggravat mingħajr miżuri ta' politika adegwati. Fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni impenjat ruħha li timxi lejn ambjent mingħajr tossiċi. Madankollu, dan l-għan maġġuri se jirrikjedi sforzi konġunti mill-atturi kollha tas-soċjetà biex jippromwovu bidla reali lejn sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli, kif ukoll impenn globali mġedded.

**Standards aktar baxxi ta' protezzjoni ambjentali u kostijiet relatati f'pajjiżi terzi jistgħu jimbuttaw xi attivitajiet li jniġġsu u skart barra mill-UE b'riskju ogħla ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju**[131]. Barra minn hekk, mhux dejjem ikun hemm miżuri effettivi li jipprevjenu l-esportazzjoni tal-iskart tossiku u inkwinanti għall-pajjiżi mhux tal-UE[132]. Fl-istess ħin, il-kriżi ekonomika kkawżata mill-COVID-19 qed toħloq ir-riskju li jkunu intensifikati dawn il-prattiki hekk kif il-pajjiżi jfittxu li jagħtu spinta lit-tkabbir akkost ta' kollox. Jenħtieġ li l-UE tippromwovi l-valuri u l-istandards tagħha internazzjonalment, li hu essenzjali għall-protezzjoni tan-normi ambjentali, tal-industriji, tal-ħaddiema u tal-konsumaturi tagħha. Inkella, l-UE x'aktarx tkompli titlef il-kompetittività tagħha u tonqos milli tara tnaqqis f'esportazzjonijiet tan-negozji f'setturi li jniġġsu, waqt li tikseb vantaġġ komparattiv f'industriji li jniġġsu anqas[133].

**L-esplojtazzjoni dejjem tiżdied tar-riżorsi rinnovabbli u mhux rinnovabbli, mhijiex sostenibbli**, fid-dawl li qed tipperikola l-prospetti ta' żvilupp sostenibbli fil-futur. It-telfien tal-bijodiversità fuq l-art u fil-baħar, il-kostijiet dejjem telgħin tal-estrazzjoni tal-minerali, it-tniġġis tal-ħamrija, tal-ilma u tal-arja[134], u l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li ma jridux jonqsu minħabba livelli insostenibbli ta' konsum tal-materji primi, tal-enerġija, tal-ilma, tal-ikel u l-użu tal-art, qed jheddu l-għejxien ta' miljuni ta' nies, anki fl-Ewropa. Minkejja li l-pressjoni fuq in-natura naqset temporanjament b'riżultat tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku minħabba miżuri ta' konfinament, l-isfida fil-futur hi li niddiżakkopjaw it-tkabbir u l-benesseri mill-konsum ta' tar-riżorsi naturali u l-impatti ambjentali li jirriżultaw minnu fit-tul.

**Jidher li COVID-19 infirxet b'mod aktar rapidu f'żoni urbani b'densità għolja u fi nħawi foqra.** Aktar minn 70 % tal-popolazzjoni Ewropea tgħix fl-ibliet; din iċ-ċifra mistennija tiżdied għal aktar minn 80 % sal-2050135. Dan jissarraf f'36 miljun abitant urban

---

[128] C&en, 2019, Linking pollution and infectious disease; Science Daily, it-2 ta' Ottubru 2019, Environmental toxins impair immune system over multiple generations. L-esponiment għall-interferenti endokrinali jista' jagħmel ħsara lill-iżvilupp tas-sistemi endokrinali, immunitarji jew newroloġiċi.

[129] SDG 12.4, li għandu jintlaħaq sal-2020.

[130] Global Chemical Outlook II, 2019.

[131] Ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju tirreferi għas-sitwazzjoni li tista' isseħħ jekk in-negozji jittrasferixxu l-produzzjoni lejn pajjiżi oħra b'limiti aktar laxki dwar l-emissjonijiet minħabba l-kostijiet relatati mal-politiki dwar il-klima.

[132] Interpol Strategic Analyse Report, 2020, Emerging criminal trends in the global plastic waste market since January 2018 (https://www.interpol.int/News-and-Events/News/2020/INTERPOL-report-alerts-to-sharp-rise-in-plastic-waste-crime).

[133] http://www.oecd.org/economy/greeneco/How-stringent-are-environmental-policies.pdf.

[134] L-esponiment għat-tniġġis tal-arja jista' jwassal għal effetti avversi fuq is-saħħa, inkluż mard respiratorju u kardjovaskolari. Għadd ta' awtoritajiet tas-saħħa wissew li dawk iċ-ċittadini b'ċerti kundizzjonijiet preeżistenti, bħall-mard respiratorju, jistgħu jkunu aktar vulnerabbli għall-COVID-19. Madankollu, fil-preżent mhuwiex ċar jekk l-esponiment kontinwu għat-tniġġis tal-arja jistax jaggrava l-kundizzjoni ta' dawk infettati mill-virus, u sa liema punt. Hija meħtieġa aktar riċerka epidemjoloġika(https://www.eea.europa.eu/themes/air/air-quality-and-covid19).

[135] https://ec.europa.eu/research/environment/index.cfm?pg=nbs .

ġdid, li se jkollhom bżonn akkomodazzjoni, impjieg u kura, u b'hekk tiżdied il-pressjoni fuq l-infrastruttura tal-belt. Minn naħa, id-densità tal-popolazzjoni tiffaċilita t-tixrid tal-mard. Min-naħa l-oħra, iż-żoni urbani għandhom kapaċitajiet li xi wħud mill-kontropartijiet rurali tagħhom għad ma għandhomx, bħall-prossimità għall-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u l-infrastruttura diġitali.

**Il-COVID-19 turi r-rabta bejn l-iżvilupp tal-bniedem u l-ambjent.** Pandemija kontemporanji bħall-COVID-19 u oħrajn preċedenti bħall-AIDS jew l-Ebola għandhom l-oriġini fl-indħil tal-bniedem fil-ħajja selvaġġa u l-qerda tal-ekosistemi[136]. Dan iseħħ minħabba reati ambjentali (pereż. il-qtugħ tas-siġar u l-kummerċ ta' speċijiet eżotiċi), xi forom ta' biedja, estrazzjoni, u urbanizzazzjoni, xprunati minn stili ta' ħajja intensivi fl-użu tar-riżorsi.

***Opportunitajiet***

**It-titjib rapidu ta xi parametri ambjentali li rriżulta mill-konfinament wera kemm tista' tkun reżiljenti n-natura**. Soluzzjonijiet bbażati fuq in-natura[137], bħal inizjattivi għal spazji ħodor u pjanijiet ta' restawr tan-natura, jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, meħtieġ sal-2030, waqt li jkollhom għadd ta' kobenefiċċji bħall-protezzjoni mill-għargħar, tnaqqis tat-temperatura waqt mewġ ta' sħana u użu rekreazzjonali. It-tnaqqis tat-tniġġis itejjeb b'mod drammatiku s-saħħa tal-bniedem ukoll[138]. Għall-ewwel darba mis-snin 70, id-data li fiha se nkunu qbiżna r-riżorsi tal-pjaneta lil hinn mis-sostenibbiltà globali mxiet lura[139]. Filwaqt li ħafna mit-tnaqqis tat-tniġġis marbut mal-konfinament x'aktarx li jkun biss għal żmien qasir, dan joffri l-opportunità li jiġu informati aktar tranżizzjonijiet ekoloġiċi ekonomikament sostenibbli u fit-tul u xejriet ta' konsum aktar sostenibbli sabiex jiġu ggarantiti l-prosperità u s-saħħa.

**L-użu ta' inqas riżorsi primarji f'ekonomija ċirkolari huwa ta' benefiċċju għall-ambjent u għall-ekonomija.** Dan jinkludi miżuri ta' effiċjenza fir-riżorsi u użu sostenibbli tar-riżorsi rinnovabbli, mudell ta' negozju ċirkolari u politika tal-prodott. Il-pjan ta' azzjoni l-ġdid għal ekonomija ċirkolari jenfasizza l-importanza ta' dawn il-fatturi fit-twettiq tal-ambizzjoni klimatika tagħna billi jnaqqas l-impronti ambjentali, l-emissjoni ta' gassijiet b'effett ta' serra u sustanzi oħra ta' ħsara, u t-telf tal-bijodiversità. Huwa wkoll kruċjali għall-ħolqien ta' opportunitajiet tan-negozju għall-UE, biex jiffaċilita l-aċċess għas-suq, u jnaqqas id-dipendenza tagħna fuq pajjiżi li mhumiex tal-UE għall-materji prima[140].

**Il-COVID-19 enfasizzat l-importanza li tissaħħaħ ir-reżiljenza taż-żoni urbani.** Dawn huma ċentri importanti tal-innovazzjoni u huma kruċjali biex isir l-aħjar użu mit-tranżizzjoni ekoloġika, li titlob governanza parteċipattiva msaħħa u impenn kollettiv lejn futur aktar ġust u sostenibbli. Il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-ibliet tal-Unjoni Ewropea , kif ukoll

[136] Madwar 75 % tal-mard infettiv emerġenti kollu jgħaddu minn organiżmi selvaġġi għall-bnedmin (www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC5711319/).
[137]Soluzzjonijiet bbażati fuq in-natura jistgħu jwittu t-triq għal ekonomija aktar effiċjenti fir-riżorsi, kompetittiva u ekoloġika u għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda u tkabbir ekonomiku permezz tal-manifattura u l-forniment ta' prodotti u servizzi ġodda li jtejbu n-natura aktar milli nfaqqruha (https://ec.europa.eu/research/environment/index.cfm?pg=nbs).
[138] https://www.ethicalcorp.com/wake-call-we-must-live-within-our-planetary-boundaries-avoid-future-pandemics.
[139] https://www.overshootday.org.
[140] https://ec.europa.eu/environment/circular-economy/pdf/leading_way_global_circular_economy.pdf.

ma' bliet imsieħba madwar id-dinja, għandha potenzjal kbir li tagħmel lill-Ewropa punt ta' referenza dinji fl-identifikar ta' soluzzjonijiet, l-esperimentar bihom u l-applikazzjoni tagħhom u sfidi futuri li l-ibliet se jiffaċċaw, inkluż dawk relatati mat-tibdil fil-klima. Pereżempju, l-adattament ta' spazji bħal binjiet għall uffiċini jew siti abbandunati jipprovdi opportunitajiet abbundanti biex in-natura tirritorna fl-ibliet u jitjieb il-benesseri tan-nies fl-ambjent urban, anki billi tkun ikkunsidrata mill-ġdid l-imġiba fir-rigward tal-mobilità u l-konsum. Il-prospettiva strateġika tista' tintuża biex tanalizza oqsma partikolari għal innovazzjonijiet u soluzzjonijiet radikali għall-problemi tal-ibliet, biex b'hekk dawk direttament affettwati jkunu konnessi mal-innovaturi, mal-investituri u man-negozji ġodda[141].

**Kaxxa 3.3: STUDJU TAL-KAŻ - Impjiegi ekoloġiċi**

**Il-preservazzjoni jew ir-restawr tal-kwalità ambjentali huma fil-qalba ta' ħafna impjiegi tal-futur.** Dawn l-impjiegi se jseħħu fl-agrikoltura, fil-manifattura (mill-ġdid), fil-kostruzzjoni, fir-riċerka u l-iżvilupp, fl-amministrazzjoni u fis-servizzi. Pereżempju, jinkludu l-produzzjoni u d-distribuzzjoni sostenibbli tal-ikel, bini ekoloġiku u effiċjenti, il-kwalità u r-riġenerazzjoni tal-ilma, id-disinn ekoloġiku, il-forestrija, l-irkupru urban u mil-landfills, tiswija u riċiklaġġ tal-materji primi, il-farmaċewtiċi, mobilità u trasport b'emissjonijiet baxxi, l-enerġija rinnovabbli, l-aċidità tal-oċeani, u l-maniġers tal-impronta. Il-limitazzjonijiet tar-riżorsi u l-ħtieġa għal aktar effiċjenza se jittrasformaw ħafna professjonijiet, u jġibu magħhom mudelli ta' negozju ġodda u se jkunu jeħtieġu ħiliet ġodda.

**Il-politiki ambjentali tagħna qed jikkontribwixxu għal bidla strutturali fis-suq tax-xogħol.** Xi analiżi tistma li proporzjon kbir tal-impjiegi fl-UE jistgħu jevolvu b'mod li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-indirizzar tad-degradazzjoni ambjentali. L-impjiegi f'industriji li jniġġsu bil-kbir jirrappreżentaw frazzjoni biss tal-impjiegi fl-UE[142] u hemm opportunitajiet ta' impjiegi sinifikanti biex inaqqsu l-impatt ta' dawk l-industriji. L-ekoindustrija, li ttaffi b'mod dirett il-ħsara ambjentali, qed issir sors importanti ta' impjiegi ġodda[143]. Barra minn hekk, iż-żieda fil-produttività tal-materjali (jiġifieri l-effiċjenza fir-riżorsi) iżżid l-intensità tax-xogħol u l-prodotti b'valur miżjud, u b'hekk iżżid l-opportunitajiet ta' impjieg. L-Ewropa diġà hija minn ta' quddiem fl-innovazzjoni biex ittejjeb il-produttività materjali, iżda għad hemm ineffiċjenzi sistemiċi u fil-livell tal-kumpaniji.

**Is-settur ekoloġiku jista' jiġġenera miljuni ta' impjiegi.** Is-settur tal-ekoindustrija kiber b'20 % mis-sena 2000 u jipprovdi madwar 4,2 miljun impjieg fl-Ewropa, b'fatturat ta' aktar minn EUR 700 biljun. Qalba lejn ekonomija aktar ekoloġika tista' toħloq 24 miljun impjieg ġdid fid-dinja sal-2030 jekk jidħlu

[141] Pereżempju, il-proġett ta' riċerka "The Future of Government 2030+" taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni esplora ir-relazzjonijiet tal-poter li qed jinbiddlu fis-s-soċjetà u l-mudelli u l-atturi ġodda fil-governanza. Il-proġett eżamina alleanzi aktar b'saħħithom tal-gvernijiet lokali permezz ta' tipi ġodda ta' istituzzjonijiet politiċi (bħall-Parlament Ewropew tas-Sindki) u inklużjoni aktar b'saħħitha ta' individwi fit-tfassil tal-politika permezz tal-Kunsilli taċ-Ċittadini. Huwa propona wkoll sinerġiji aħjar bejn is-setturi pubbliċi u privati (speċjalment il-kultura ta' negozji ġodda) (https://ec.europa.eu/jrc/en/publication/eur-scientific-and-technical-research-reports/future-government-2030-policy-implications-and-recommendations). Il-Kummissjoni qed tesperimenta wkoll bil-kunċett ta' "ekonomija doughnut", kif ittestjata b'suċċess, fil-livell ta' belt, f'Amsterdam (https://www.kateraworth.com/wp/wp-content/uploads/2020/04/20200416-AMS-portrait-EN-Spread-web-420x210mm.pdf).

[142] https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=mt&pubId=821,https://ec.europa.eu/jrc/en/publication/eur-scientific-and-technical-research-reports/clean-energy-technologies-coal-regions.

[143] L-ekoindustrija tinkludi attivitajiet li jipproduċu oġġetti u servizzi li jkejlu, jipprevjenu, jillimitaw, jimminimizzaw u jikkoreġu l-ħsara ambjentali għall-ilma, għall-arja u għall-ħamrija kif ukoll il-problemi relatati mal-iskart, mal-istorbju u mal-ekosistemi.

fis-seħħ il-politiki ġusti, skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (International Labour Organisation, ILO)[144], li tipprevedi wkoll li 72 miljun impjieg full-time se jintilfu sal-2030 minħabba stress mis-sħana u żidiet fit-temperatura.

**L-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 jissuġġerixxi li l-impatt tal-politiki dwar ix-xogħol ekoloġiku jista' jkun ferm akbar.** Minħabba l-għadd ta' persuni qiegħda, il-pjanijiet ta' rkupru lejn it-tranżizzjoni ekoloġika jistgħu jirriżultaw f'ħafna aktar impjiegi ekoloġiċi milli kien maħsub qabel.

**Il-ħolqien tal-impjiegi minħabba l-politiki dwar it-tibdil fil-klima se jikkontribwixxi għal żieda fl-impjiegi aktar inklużiv**, filwaqt li jiġġieled ix-xejriet li jistgħu jaggravaw l-inugwaljanzi fis-suq tax-xogħol, bħall-awtomatizzazzjoni, ir-robotika u l-intelliġenza artifiċjali. Sal-2050, l-impjiegi fis-settur tal-elettriku huma proġettati li jikbru b'25 %[145], hekk kif l-industrija, t-trasport u servizzi oħra jkunu aktar elettriċizzati. L-impjiegi fl-enerġija rinnovabbli fl-UE mistennija jilħqu ż-2,7 miljuni jew 1,3 % tal-impjiegi tal-UE sal-2050[146].

**Taħriġ mill-ġdid ekoloġiku effettiv, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent u s-servizzi inkorporati, jista'' jipproteġi l-impjiegi tal-klassi medja**. L-istess huwa minnu għall-manifattura mill-ġdid, l-użu mill-ġdid, it-tiswija u r-riċiklaġġ. Barra minn hekk, setturi tal-produzzjoni tal-enerġija u intensiva fl-użu tal-enerġija bħall-azzar, is-siment, il-manifattura tal-karozzi, il-makkinarju u l-kimiċi jkollhom jaqilbu għall-proċessi ġodda tal-produzzjoni bħal parti mit-tranżazzjoni, li wkoll se tkun teħtieġ ħiliet ġodda.

**Il-prospettiva strateġika tista' biex ikunu esplorati l-ixprunaturi tal-bidla u l-imġiba u l-assunzjonijiet individwali u kollettivi dwar il-futur b'mod parteċipatorju.** B'mod aktar immedjat, dan jista' jgħin biex jiġu mifhuma l-bidliet strutturali futuri fis-suq tax-xogħol bħala parti mit-tranżizzjoni lejn soċjetà newtrali għall-klima sal-2050. Dan jgħin biex jiġi ggwidat it-taħriġ mill-ġdid ta' persuni li tilfu l-impjieg tagħhom matul il-kriżi tal-COVID-19, jew li x'aktarx jitilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidla teknoloġika u l-awtomazzjoni aċċellerati. Il-prospettiva tgħin ukoll biex nanalizzaw possibilitajiet għal żviluppi ġodda li qed ifiġġu, inklużi teknoloġiji emerġenti li jistgħu jaċċelleraw jew ifixklu t-tranżizzjoni ekoloġika. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u tranżizzjoni ġusta se jirrikjedu l-kontribut attiv u koordinat tas-soċjetà kollha.

### 3.4. Id-dimensjoni diġitali

**Ir-reżiljenza diġitali tfittex li tiżgura li l-mod kif ngħixu, naħdmu, nitgħallmu, ninteraġixxu u naħsbu f'din l-era diġitali jippreserva u jtejjeb id-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza, is-sigurtà, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali u l-valuri Ewropej.** Dan qed isir dejjem aktar importanti hekk kif l-iperkonnettività qed tkompli taċċellera, bl-integrazzjoni fiżika u diġitali, l-Internet tal-Oġġetti, it-teknoloġija tad-djar intelliġenti, l-użu tal-big data, ir-realtà awmentata u virtwali, it-tagħlim awtomatiku, u teknoloġiji oħra tal-Intelliġenza Artifiċjali dejjem aktar kapaċi. It-teknoloġiji diġitali jtappnu

[144] ILO flagship report, World employment and social outlook 2018 "Greening with Jobs".
[145] https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=mt&pubId=8219.
[146] https://www.irena.org/-/media/Files/IRENA/Agency/Publication/2020/Feb/IRENA_Transition_jobs_2020.pdf.

d-distinzjoni bejn id-dinja fiżika u dik virtwali, u bejn il-bnedmin, il-magni u n-natura, b'implikazzjonijiet għalina stess u għall-qafas tal-politika[147]. Dawn kienu strumentali biex l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna jibqgħu għaddejjin matul il-pandemija.

***Kapaċitajiet***

**L-Ewropa għandha storja twila u ta' suċċess ta' innovazzjoni u kooperazzjoni teknoloġika u soċjetali.** L-UE hija aktar b'saħħitha meta taħdem flimkien mal-Istati Membri, tinvolvi r-reġjuni u l-muniċipalitajiet, l-akkademja, is-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet finanzjarji, id-ditti u l-intrapriżi soċjali. Ftehimiet riċenti f'oqsma bħall-computing ta' prestazzjoni għolja[148] u l-mikroelettronika[149] reġgħu kkonfermaw din il-kapaċità. Biex nappoġġaw dan il-proċess, huwa kruċjali li nkomplu nippromwovu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u tas-sistemi ġudizzjarji madwar l-Ewropa[150].

**L-Ewropa għandha kapaċitajiet uniċi biex issawwar l-istandards internazzjonali dwar il-privatezza u l-flussi tad-*data*.** Ir-Regolament Ġenerali Ewropew dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (General Data Protection Regulation, GDPR) jistabbilixxi regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* għad-ditti u l-atturi kollha li jipproċessaw id-*data* tal-individwi fl-UE, biex joffru lin-nies aktar kontroll fuq id-*data* personali tagħhom lin-negozji benefiċċji permess ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni[151]. Ir-rwol tal-UE bħala awtorità fit-tfassil tar-regoli fl-isfera diġitali qed jissaħħaħ permezz tal-involviment ma' pajjiżi mhux tal-UE li bħalissa qed jadottaw jew jimmodernizzaw il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*. L-Indja segwiet il-passi tal-GDPR tal-UE fil-ħolqien ta' pjan għal Abbozz ta' Liġi dwar il-Protezzjoni tad-*Data* Personali[152]. L-Att dwar il-Privatezza tal-Konsumatur ta' California qabdet direzzjoni simili[153]. Issa, l-Ewropa jeħtieġ li tkompli tibni alleanzi u timmassimizza s-setgħa regolatorja tagħha, tappoġġa titjib strutturali, d-diplomazija u l-finanzi biex tippromwovi l-mudell diġitali Ewropew[154].

***Vulnerabbiltajiet***

**L-attakki ibridi sofistikati minn atturi statali u mhux statali jheddu ċ-ċibersigurtà u d-demokrazija tagħna.** Il-vulnerabbiltajiet fl-UE ġew sfruttati permezz ta' taħlita ta' attakki ċibernetiċi u ċiberkriminalità li rriżultaw fi ħsara għall-infrastruttura kritika[155]. Kien hemm żieda sinifikanti fl-għadd ta' attakki ċibernetiċi rrapportati kontra s-superkompjuters, il-kura tas-saħħa u s-sistemi finanzjarji[156], bħall-iħħekkjar ta' riċerka sensittiva minn organizzazzjonijiet mediċi minn kumpaniji farmaċewtiċi[157]. Ġie rrimarkat ukoll it-theddid tal-

[147] Online Manifesto (https://ec.europa.eu/digital-single-market/sites/digital-agenda/files/Manifesto.pdf).
[148] https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/eurohpc-joint-undertaking, https://eurohpc-ju.europa.eu/.
[149] https://www.ipcei-me.eu/, https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/ecsel.
[150] https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication-shaping-europes-digital-future-feb2020_en_4.pdf.
[151] https://ec.europa.eu/info/law/law-topic/data-protection_mt.
[152] https://hbr.org/2019/12/how-india-plans-to-protect-consumer-data.
[153] EIT Report, European Digital Infrastructure and Data Sovereignty (https://www.eitdigital.eu/fileadmin/files/2020/publications/data-sovereignty/EIT-Digital-Data-Sovereignty-Summary-Report.pdf).
[154] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_20_273.
[155] L-infrastrutturi kritiċi huma essenzjali għall-funzjonijiet vitali tas-soċjetà, is-saħħa, is-sikurezza, is-sigurtà, il-benessri ekonomiku jew soċjali, li t-tħarbit / il-qerda tagħhom għandu impatt sinifikanti (id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE).
[156] https://www2.deloitte.com/ng/en/pages/risk/articles/covid-19-impact-cybersecurity.html.
[157] Craglia, M. *et al.*, 2020, Artificial Intelligence and Digital Transformation: early lessons from the COVID-19 crisis. Rapport tal-JRC dwar ix-Xjenza għall-Politika, JRC121305.

ICT bħala sors ewlieni tar-riskju sistemiku għall-proċessi elettorali u għas-sistemi finanzjarji tal-UE[158]. Dawn l-avvenimenti juru aċċellerazzjoni inkwetanti lejn kriminalità virtwali assimetrika[159]. Iċ-ċiberkriminalità, pereżempju it-tixrid online ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, ukoll laħqet ċifri bla preċedent[160].

**Il-konfrontazzjoni teknoloġika bejn l-Istati Uniti u ċ-Ċina li qed teskala b'mod rapidu qed tfixkel il-ktajjen tal-provvista diġitali dinjija.** Hija se jkollha impatt dirett fuq is-suq uniku u se ssaħħaħ il-ħtieġa li l-UE ssegwi l-aġenda tas-sovranità teknoloġika tagħha u ssaħħaħ il-kapaċitajiet diġitali ewlenin tagħha.

**Id-distakk diġitali bejn iż-żoni urbani u rurali huwa kawża ta' tħassib.** Fl-2019, il-kopertura tan-networks tal-Aċċess tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (Next Generation Access, NGA), li kapaċi jwasslu veloċitajiet ta' download ta' mill-inqas 30 Mbps, żdiedet għal 86 % tal-unitajiet domestiċi. Networks Fissi b'Kapaċità Għolja Ħafna (Very High Capacity Networks, VHCNs), li kapaċi jipprovdu mill-inqas konnettività ta' gigabit, kienu disponibbli għal 44 % tal-unitajiet domestiċi. Madankollu, fiż-żoni rurali, il-kopertura tal-NGA kienet ta' 59 % biss fl-2019, filwaqt li l-VHCNs jilħqu biss 20 % tal-unitajiet domestiċi. Dan jikkonferma li hemm bżonn ta' aktar investiment fiż-żoni rurali biex jingħalaq id-distakk. L-iżvilupp tal-kapaċitajiet diġitali fiż-żoni rurali se jżid l-attrazzjoni tagħhom b'mod konsiderevoli.

**Il-kriżi kixfet nuqqas ta' tħejjija fl-ekonomija tad-*data*.** Kien hemm nuqqas sinifikanti ta' kważi kull tip ta' *data* li fuqha jinbnew il-mudelli (bħall-impjiegi, il-fiduċja tal-konsumaturi u d-*data* dwar il-produzzjoni), flimkien ma' dewmien fil-produzzjoni tad-*data*[161]. Id-*data* dwar l-istokk, il-kapaċità tal-produzzjoni, u d-domanda għall-provvisti ewlenin bħat-tagħmir ta' protezzjoni personali kienet nieqsa[162], u d-*data* dwar il-każijiet ta' infezzjoni bil-COVID-19 inġabret b'mod differenti fl-Ewropa. Dan wera li għadna neħtieġu qabża sinifikanti 'l quddiem fil-ġbir u fil-governanza tad-*data* għal benefiċċji ekonomiċi u soċjetali. Min-naħa l-oħra, dan jitlob "mod Ewropew" ta' kif jiġi rregolat l-użu tad-*data*, anki biex jiġu evitati l-monopolji tad-*data*[163].

**It-teknoloġiji diġitali u l-mudelli kummerċjali relatati, inkluża l-intelliġenza artifiċjali (IA) u l-ekonomija tal-pjattaformi, se jimpattaw is-suq tax-xogħol.** Filwaqt li l-interazzjoni bejn l-obsolexxenza u l-ħolqien potenzjali ta' xogħlijiet minħabba l-IA u r-robotika għadha mhix ċara[164], huwa evidenti li dawn u teknoloġiji diġitali oħra[165], kif ukoll mudelli kummerċjali relatati, se jibdlu l-mod ta' kif naħdmu. Se jkun hemm impatt fuq kwistjonijiet bħas-saħħa, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u s-sikurezza

[158] https://www.esrb.europa.eu/pub/pdf/reports/esrb.report200219_systemiccyberrisk~101a09685e.en.pdf.

[159] Il-megatendenza għal "bidla fil-paradigma tas-sigurtà" (https://ec.europa.eu/knowledge4policy/changing-security-paradigm_en) is accelerating.

[160] COM(2020)605 final, l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà; COM(2020)607 final, Strateġija tal-UE għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal.

[161] https://www2.deloitte.com/be/en/pages/strategy-operations/articles/covid-19-and-data-economy.html.

[162] Il-Kummissjoni stabbiliet punt ċentrali ta' koordinament għat-tagħmir mediku biex tindirizza l-falliment tas-suq u tiffaċilita d-disponibbiltà f'waqtha tal-provvisti waqt il-pandemija (https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/health/coronavirus-response/emergency-support-instrument/covid-19-clearing-house-medical-equipment_mt).

[163] Duch-Brown, Martens and Mueller-Langer, 2017, The economics of ownership, access and trade in digital data, JRC Working Papers on Digital Economy 2017-01, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (https://ec.europa.eu/jrc/sites/jrcsh/files/jrc104756.pdf); Crémer, J., Y-A de Montjoye and H. Schweitzer, 2019, Competition policy for the digital era, Rapport għall-Kummissarju Vestager, il-Kummissjoni Ewropea.

[164] https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/future-work-work-future.

[165] Filwaqt li t-tellieqa globali tal-*quantum* għaddejja, il-livelli tal-investiment fl-Ewropa għadhom aktar baxxi minn dawk ta' atturi globali ewlenin oħra.

okkupazzjonali[166]. Id-domanda għal ħiliet f'teknoloġiji emerġenti bħall-IA, il-computing ta' prestazzjoni għolja u ċ-ċibersigurtà għas-soċjetà sħiħa[167] hija akuta ħafna u l-problema qed tikber hekk kif l-offerta għadha lura meta mqabbla mad-domanda tas-suq. Il-livelli ta' tħejjija u għarfien huma wkoll inugwali madwar l-UE.

***Opportunitajiet***

**Il-pandemija tal-COVID-19 aċċellerat l-iperkonnettività**[168]. Hemm l-opportunità biex jinsiltu tagħlimiet minn din l-esperjenza f'ħin reali u jinkiseb bilanċ bejn l-interazzjonijiet fiżiċi u diġitali fil-futur li jissodisfa l-aspettattivi tal-pubbliku. Matul il-kriżi tal-COVID-19, aktar minn terz tal-forza tax-xogħol fl-UE bdiet taħdem b'mod temporanju mid-dar[169]. Il-konnettività żdiedet fl-oqsma kollha[170] u l-qabża spettakolari fit-traffiku tal-internet, li hija stmata bejn 10 % u 30 % madwar id-dinja[171], baqgħet l-istess anki meta l-pajjiżi taffew il-miżuri ta' konfinament. Huwa stmat li sal-2025 l-ammont totali ta' *data* madwar id-dinja jikber għal madwar 175 biljun terabyte.

**It-teknoloġiji diġitali jistgħu jikkontribwixxu għal aktar avvanzi fil-kura tas-saħħa.** L-IA u l-computing ta' prestazzjoni għolja għandhom il-potenzjal li jaċċelleraw l-iżvilupp ta' trattamenti, vaċċini u dijanjostiċi, ibassru t-tixrid ta' mard u jippjanaw id-distribuzzjoni tar-riżorsi mediċi[172]. Dawn l-innovazzjonijiet jistgħu jintużaw ukoll biex janalizzaw ir-riskji tas-saħħa individwali għall-mediċina preventiva. Il-mobilizzazzjoni tal-IA toffri wkoll opportunitajiet biex jissaħħu d-difiżi tagħna kontra ċ-ċiberattakki, speċjalment fuq infrastruttura kritika bħall-isptarijiet.

**It-teknoloġiji diġitali ppermettew ċerta kontinwità fit-taħriġ u fl-edukazzjoni meta l-iskejjel kienu magħluqa matul il-kriżi.** Meta jintużaw kif suppost, it-teknoloġija diġitali jistgħu jżidu l-effettività, l-effiċjenza u l-inklużività tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ tagħna. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet diġitali tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u l-eliminazzjoni tad-distakk diġitali f'dak li jirrigwarda tagħmir u konnettività huwa ċentrali.

**L-indirizzar tal-isfidi assoċjati mal-implimentazzjoni tal-istrateġija tad-*data* tal-UE se jiftaħ opportunitajiet kbar għall-Ewropa.** Fost dawn hemm il-promozzjoni tal-mudell tal-UE għall-protezzjoni tad-*data*, il-possibbiltà li titjieb id-disponibbiltà, ir-riutilizzazzjoni, l-interoperabbiltà u l-governanza tad-*data*, u l-abbiltà li jiġu evitati infrastrutturi tad-*data* inadegwati, kif ukoll id-dipendenza fuq għodod adegwati li jistgħu jagħtu s-setgħa lill-individwi biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

---

[166] https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/research_and_innovation/ege/ege_future-of-work_opinion_122018.pdf; https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/final-report-high-level-expert-group-impact-digital-transformation-eu-labour-markets.

[167] Nai Fovino I., *et al.* (eds), 2020, Cybersecurity, our digital anchor, Science for Policy Report, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (https://ec.europa.eu/jrc/en/facts4eufuture/cybersecurity-our-digital-anchor).

[168] Ir-ritmu tal-megatendenza "naċċelleraw il-bidla teknoloġika u l-iperkonnettività" (https://ec.europa.eu/knowledge4policy/accelerating-technological-change-hyperconnectivity_en) kompla jsir aktar mgħaġġel.

[169] https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef_publication/field_ef_document/ef20058en.pdf.

[170] Netflix irdoppja l-abbonamenti mħallsa globalment, bi 15,7-il miljun abbonat addizzjonali sa April 2020 (xi ħaġa li hija mistennija tkun temporanja) (https://orbi.uliege.be/bitstream/2268/247652/1/MAY-2020-_-N%C2%BA4.pdf).

[171] https://www.forbes.com/sites/markbeech/2020/03/25/covid-19-pushes-up-internet-use-70-streaming-more-than-12-first-figures-reveal/#4ba355cd3104.

[172] Pereżempju, l-konsorzju Exscalate 4CoV li huwa ffinanzjat mill-UE juża waħda mill-pjattaformi ta' computing ta' prestazzjoni għolja l-aktar b'saħħithom fid-dinja biex jeżamina l-impatt potenzjali ta' molekuli magħrufa kontra l-istruttura ġenomika tal-coronavirus.

**L-awtonomija strateġika miftuħa hija ċentrali għall-iżvilupp tal-ekonomija diġitali Ewropea.** Il-konnettività tal-5G, flimkien mal-Internet tal-Oġġetti (Internet of Things), jistgħu jagħtu spinta lid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi (pereż. l-enerġija, it-trasport, is-settur bankarju u s-saħħa) u tal-proċessi, inaqqsu l-ispejjeż u jżidu l-effiċjenza. Il-ħolqien ta' infrastruttura tal-cloud ikun l-ewwel pass biex tiġi sfruttata kemm jista' jkun id-data ġġenerata fl-Ewropa[173]. L-appoġġ leġiżlattiv u finanzjarju miftiehem għall-ħolqien ta' suq uniku għad-data, ibbażat fuq il-varar ta' spazji komuni Ewropej tad-data, jiżgura aċċess imtejjeb għad-data u jġib benefiċċji għall-pubbliku u għat-tkabbir tal-ekonomija tad-data Ewropea[174].

**It-teknoloġiji diġitali jistgħu jikkontribwixxu għat-tħaddir tal-ekonomija.** Jistgħu jottimizzaw l-operazzjoni tal-utilitajiet, il-mobilità u t-trasport, il-prodotti, il-proċessi industrijali u l-bini u assi oħra, li jwassal għal iffrankar enerġetiku, tnaqqis tat-tniġġis u żieda tal-effiċjenza fir-riżorsi billi tkun possibbli t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. Jistgħu jtejbu wkoll il-ġestjoni ambjentali u tar-riskju permezz ta' sistemi ta' twissija bikrija għal avvenimenti estremi tat-temp, pereżempju fuq il-bażi ta' *data* ta' osservazzjoni tad-dinja u teknoloġiji tal-big *data*. Madankollu, jeħtieġ li tingħata attenzjoni għall-konsum tal-enerġija tat-teknoloġiji tad-data u l-ħajja qasira ta' apparati diġitali li tiġġenera l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, inklużi materji primi kritiċi, il-kategorija tal-iskart li qed tikber bl-aktar rata mgħaġġla[175]. Qed ikun hemm bidla fundamentali lejn sistemi ta' data deċentralizzati dovuta għall-edge[176] u l-fog[177] computing, flimkien mal-varar u l-użu ta' teknoloġiji tal-ġenerazzjonijiet il-ġodda tal-mowbajl (pereż. 5G u 6G fil-futur) u proċessuri tal-enerġija baxxa li jistgħu jrażżnu l-konsum dejjem jikber tal-enerġija tat-teknoloġiji diġitali bl-ipproċessar tad-data aktar qrib l-utenti, permezz ta' applikazzjonijiet relatati mal-Internet tal-Oġġetti, u bit-tnaqqis tal-latenza tan-network.

**Il-prospettiva strateġika tista' trawwem it-tiswir u l-approprjazzjoni tat-teknoloġiji diġitali b'mod li jkunu ċċentrati fuq il-bniedem, kif ukoll l-effettività tagħhom biex tingħata spinta lis-sostenibbiltà ġenerali.** Dan jinkludi l-antiċipazzjoni ta' kif it-teknoloġiji jistgħu jiżviluppaw u modi kif jiġu sfruttati l-opportunitajiet sottostanti u futuri. Dan ifisser ukoll li jiġi esplorat kif it-teknoloġiji diġitali jħallu impatt fuq kull qasam tal-ħajja u jġibu magħhom sfidi ġodda, pereż. il-ġestjoni ta' fluss akbar ta' informazzjoni u l-inkoraġġiment artifiċjali tal-attenzjoni tal-bniedem. Hija tista' tidentifika kif l-UE tista' ssawwar standards u regoli diġitali globali għall-benefiċċju tan-nies u n-negozji filwaqt li tħaddar ukoll l-ekonomija. Sabiex jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-UE u tinħoloq il-

---

173 https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=File:Degree_of_dependence_on_cloud_computing,_by_economic_activity,_EU-28,_2018_(%25_of_enterprises_using_the_cloud).png&oldid=415896.

174 COM(2017) 9 final, Il-Bini ta' Ekonomija Ewropea tad-*Data*.

175 Pereżempju, in-nies fit-Tramuntana tal-Ewropa pproduċew l-aktar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku - 22,4 kg kull persuna fl-2019. Fl-Ewropa tal-Lvant l-ammont kien in-nofs. Fl-2019 l-Ewropa kellha l-ogħla rata ta' riċiklaġġ (42 %) u l-Asja kienet fit-tieni post bi 12 %. (https://www.theguardian.com/environment/2020/jul/02/10bn-precious-metals-dumped-each-year-electronic-waste-un-toxic-e-waste-polluting).

176 B'dan il-mod l-ipproċessar ikun qrib is-sors tad-*data* u ma jkollhiex għalfejn tintbagħat lejn cloud remota jew sistema ċentralizzata oħra. Bl-eliminazzjoni tad-distanza u tal-ħin meħtieġa biex id-*data* tintbagħat lejn sorsi ċentralizzati, tista' titjieb il-veloċità u l-prestazzjoni tat-trasport tad-*data*, kif ukoll l-apparati u l-applikazzjonijiet fl-edge.

177 Dan huwa standard li jiddefinixxi kif jenħtieġ li jaħdem l-edge computing u jiffaċilita l-operazzjoni tal-computing, tal-ħżin u tas-servizzi tan-networking bejn l-apparati finali u ċ-ċentri tad-*data* tal-cloud computing. Fiċ-ċentri tad-*data*, il-fog spiss jintuża bħala l-punt ta' tluq għall-edge computing.

fiduċja meħtieġa fost iċ-ċittadini biex jużaw it-teknoloġiji tal-IA, huwa meħtieġ qafas orizzontali dwar l-IA. Bil-prospettiva u l-antiċipazzjoni huwa possibbli li jiġi esplorat kif it-teknoloġiji diġitali jistgħu effettivament jippermettu lill-gvernijiet biex jipprovdu aċċess universali għal servizzi bażiċi, u kif l-istituzzjonijiet ikunu magħmula kompletament responsabbli. Hija tista' tesplora modi biex jiġu varati infrastrutturi diġitali siguri (networks ta' veloċità kbira inkluż is-6G futura, il-cloud u d-*data*) biex jiġi evitat distakk diġitali bejn ir-reġjuni u l-individwi.

**Kaxxa 3.4: STUDJU TAL-KAŻ - ICT Ekoloġika**

**L-ambizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE huma dejjem komplementari?** It-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (information and communication technologies, ICT) jistgħu jalimentaw konsum mhux sostenibbli, imma b'qafas ta' politika adatt għandhom ukoll il-potenzjal kbir tat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u l-ottimizzazzjoni tal-użu tar-riżorsi, tal-prodotti u tal-assi. It-teknoloġiji diġitali jistgħu jgħinu biex l-emissjonijiet globali jonqsu sa 15 % permezz ta' soluzzjonijiet innovattivi f'oqsma li jinkludu l-enerġija, il-manifattura, l-agrikoltura u l-użu tal-art, il-binjiet, is-servizzi, it-trasportazzjoni, u l-ġestjoni tat-traffiku[178]. Pereżempju, it-trasferiment u l-ħżin ta' gigabyte waħda ta' data fl-internet juża bejn 3,1 kWh u 7 kWh minflok 0,000005 kWh jekk isir lokalment[179]. Dan jitlob l-istabbiliment ta' infrastrutturi tal-cloud u tal-edge interoperabbli Ewropej li jistgħu jakkomodaw soluzzjonijiet diġitali fuq skala kbira fl-Ewropa waqt li tiġi żgurata s-sovranità teknoloġika tal-UE.

**Madankollu, id-diġitalizzazzjoni jista' jkollha effett negattiv fuq l-ambjent, il-klima u s-saħħa tal-bniedem** minħabba produzzjoni, użu u rimi ogħla ta' tagħmir elettroniku, u ċentri tad-data[180]. Pereżempju, il-konsum tal-enerġija mill-estrazzjoni tal-Bitcoins huwa stmat li huwa responsabbli għal 0,3 % tal-konsum globali tal-enerġija. Għall-ewwel dan l-ammont jaf ma jidhirx ħafna, imma 68,11 TWh fis-sena huma aktar mill-konsum annwali tal-Awstrija (64,60 TWh) u taċ-Ċekja (62,34 TWh)[181].

**L-effiċjenza materjali hija sfida importanti li trid tiġi indirizzata.** Kull sena USD 10 biljun f'deheb, platinu u metalli prezzjużi oħra jintrema fil-muntanja dejjem tikber ta' skart elettroniku. L-effiċjenza materjali tat-teknoloġiji diġitali jista' jkollha impatt ambjentali saħansitra akbar mill-effiċjenza enerġetika.

**Il-konsum tal-elettriku tal-computing qed jikber b'rata mhux sostenibbli.** Il-ġenerazzjonijiet il-ġodda ta' teknoloġiji bla fili jikkonsmaw inqas enerġija milli ta' qabilhom (pereż. antenni tal-5G mistennija jikkonsmaw inqas minn dawk tal-4G[182]). Madankollu, il-fatt li l-5G se jwassal għal networks aktar densi kif ukoll iż-żieda fl-apparati konnessi permezz tal-5G (pereż. sewqan konness u awtonomu)[183] jistgħu jwasslu għal żieda globali fil-konsum tal-enerġija, għall-inqas fl-ewwel snin ta'

[178] https://exponentialroadmap.org/wp-content/uploads/2018/09/Exponential-Climate-Action-Roadmap-September-2018.pdf.
[179] https://medium.com/stanford-magazine/carbon-and-the-cloud-d6f481b79dfe.
[180] Iċ-ċiklu tas-Sistema ta' Prospettiva Ambjentali tal-UE (FORENV): Kwistjonijiet emerġenti fl-interfaċċa tal-ambjent u soċjali.
[181] L-Indiċi ta' Cambridge dwar il-Konsum tal-Elettriku mill-Bitcoin (https://www.cbeci.org).
[182] https://www.ericsson.com/en/blog/2019/9/energy-consumption-5g-nr; https://hellofuture.orange.com/en/5g-energy-efficiency-by-design/.
[183] AI Now Institute (https://ainowinstitute.org/AI_Now_2019_Report.pdf).

varar. Fl-2020 l-impronta globali stmata tas-settur tat-teknoloġija hija komparabbli ma' dik tal-industrija tal-avjazzjoni[184].

**Dan jenfasizza l-ħtieġa dejjem tikber li titkompla l-ħidma fuq l-ekoloġizzazzjoni tal-ICT.** Għaldaqstant, teżisti l-ħtieġa li jibqgħu jiġu kkunsidrati aktar modi biex jitreġġa' lura l-konsum li qed jiżdied tal-enerġija u tal-materjali tat-teknoloġiji u l-infrastrutturi diġitali tal-Ewropa, waqt li jiġi żgurat li huma disponibbli għall-applikazzjonijiet meħtieġa għall-azzjoni klimatika, is-saħħa, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza.

**Jenħtieġ li l-ekoloġizzazzjoni tal-ICT issir fil-qafas tal-ekonomija ċirkolari**, inkluż il-bini ta' ekosistemi materjali u diġitali lokali li jippermettu disinji tal-prodotti u mudelli kummerċjali innovattivi.

## 4. AĠENDA TA' PROSPETTIVA STRATEĠIKA

### 4.1 Monitoraġġ tar-reżiljenza

**Hekk kif ir-reżiljenza ssir boxxla ġdida għat-tfassil ta' politika tal-UE, huma meħtieġa għodod xierqa ta' monitoraġġ.** Din il-Komunikazzjoni tissuġġerixxi l-bidla lejn *dashboards tar-reżiljenza* u l-kokreazzjoni tagħhom f'diskussjonijiet esploratorji mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati ewlenin. Hawnhekk tippreżenta prototipi. L-iskop ta' dawn il-prototipi, fid-dawl ta' analiżi aktar dettaljata, huwa li jiġu enfasizzati l-vulnerabbiltajiet u l-kapaċitajiet ta' reżiljenza fl-UE u fl-Istati Membri tagħha. Dawn id-dashboards jeħtieġu aktar ħidma, fuq il-bażi ta' elementi eżistenti u intelligenza kollettiva. Il-lista tal-indikaturi tad-dashboard tkun dinamika u tintgħażel fuq il-bażi ta' proċess parteċipattiv li jinvolvi l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati ewlenin, fuq il-bażi ta' *data* ta' kwalità li maż-żmien tkun komparabbli fl-Istati Membri.

**Id-dashboards tar-reżiljenza se jkunu komplementari u jżidu valur għall-għodod l-oħra tal-monitoraġġ.** Se jkunu bbażati fuq indikaturi settorjali u għodod ta' monitoraġġ eżistenti, bħat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u r-rapport dwar il-monitoraġġ tal-progress lejn l-SDGs f'kuntest tal-UE[185]. Se jipprovdu valur miżjud ċar permezz tal-ispeċifiċitajiet li ġejjin: (i) id-dashboards se jiġu informati minn prospettiva strateġika, biex jiġu identifikati kwistjonijiet u sfidi emerġenti u jiġu proposti indikaturi ġodda li jħarsu 'l quddiem tal-vulnerabbiltajiet jew tal-kapaċitajiet ta' reżiljenza; (ii) filwaqt li l-għodod eżistenti għandhom l-għan li jivvalutaw il-progress fl-UE u fl-Istati Membri tagħha, pereżempju fit-tranżizzjonijiet jew f'politiki settorjali speċifiċi, id-dashboards se jivvalutaw ir-reżiljenza, jiġifieri *l-abbiltà* li jsir progress u jintlaħqu l-miri ta' politika; u (iii) filwaqt li ħafna għodod eżistenti għandhom it-tendenza li jkunu settorjali jew jiffukaw fuq suġġetti jew politiki uniċi, id-dashboards se jiffukaw fuq

---

[184] Iċ-ċentri tad-*data* se jikkontribwixxu għal 45 % ta' din l-impronta (minn 33 % fl-2010) u l-infrastruttura tan-networks 24 %. Ara: Belkhir u Elmeligi, 2018, AI u Tibdil fil-Klima: Kif inhuma konnessi, u x'nistgħu nagħmlu dwaru (https://medium.com/@AINowInstitute/ai-and-climate-change-how-theyre-connected-and-what-we-can-do-about-it-6aa8d0f5b32c).

[185] https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-statistical-books/-/KS-02-20-202.

dimensjonijiet multipli ta' reżiljenza u l-interkonnessjonijiet tagħhom biex tingħata stampa olistika.

### *4.1.1 Prototip ta' dashboards tar-reżiljenza*

**Din il-Komunikazzjoni tipproponi li jiġu żviluppati prototipi ta' dashboards għad-dimensjoni soċjali u ekonomika, ġeopolitika, ekoloġika u diġitali tar-reżiljenza.** Hawn isfel hija ppreżentata, bħala eżempju, ġabra preliminari u li għad trid tiġi finalizzata ta' *vulnerabbiltajiet* u *kapaċitajiet tar-reżiljenza* fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri fuq il-bażi ta' *data* disponibbli għall-pubbliku[186]. **Il-prototipi illustrattivi jipprovdu eżempju tad-dehra u l-perċezzjoni ta' dashboard bħal dan.** Għal kull varjabbli, skala ta' tliet kuluri tindika s-sitwazzjoni relattiva tal-pajjiżi fl-aħħar sena li għaliha hemm data meta mqabbla mal-valuri miġbura tad-data disponibbli mill-2007 'l hawn[187]. Il-kuluri huma assenjati skont id-distanza mill-medja tad-distribuzzjoni sottostanti[188].

**Il-prototip illustrattiv ta' dashboard għar-reżiljenza soċjali u ekonomika jħares lejn il-kwistjonijiet soċjali, ekonomiċi u tas-saħħa b'rabta mal-COVID-19. Il-Figura 4.1**[189] tagħti sens tal-vulnerabbiltajiet relattivi, kapaċitajiet ta' reżiljenza, u xejriet komuni fl-UE u fl-Istati Membri tagħha. Pereżempju, f'dan ix-xogħol preliminari, it-tixjiħ tal-popolazzjoni u ż-żieda fl-ivvjaġġar fil-perjodu ta' qabel il-kriżi jidhru bħala vulnerabbiltajiet komuni.

[186] Il-lista sħiħa ta' indikaturi, id-definizzjonijiet korrispondenti, u s-sorsi huma disponibbli fid-dokumenti tekniċi li ġejjin tad-9 ta' Settembru 2020 taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (Joint Research Centre, JRC) tal-Kummissjoni: (i) "Prototype dashboard for monitoring the social and economic dimension of resilience", JRC121729; (ii) "Prototype dashboards for monitoring the geopolitical, green, and digital dimensions of resilience", JRC121633.

[187] Id-disponibbiltà tad-*data* tista' tvarja bejn il-pajjiżi minn sena għal sena u l-pajjiżi b'sensiliet ta' *data* itwal huma aktar prominenti fid-distribuzzjoni. Jekk fil-bidu tal-perjodu ma teżistix *data* għal xi varjabbli, id-distribuzzjoni tal-2007-2019 awtomatikament tirreferi għall-aħħar valuri disponibbli. Jekk jeżistu varjabbli għal sena waħda biss, il-prestazzjoni relattiva tiġi vvalutata biss għal dik is-sena.

[188] Għal kull indikatur, il-medja u d-devjazzjoni standard jiġu kkalkulati għad-distribuzzjoni miġbura bejn il-pajjiżi u s-snin. L-isfar/il-blu jindika pajjiżi li fl-aħħar sena disponibbli kienu mill-inqas devjazzjoni standard waħda agħar/aħjar mill-medja. Iċ-ċelesti jirreferi għall-medda intermedja.

[189] Is-sorsi jinkludu l-Eurostat u l-Kummissjoni Ewropea, ikkomplementati b'varjabbli mill-pjattaforma territorjali LUISA tal-JRC, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, l-Indiċi ta' Kompetittività Globali tal-Forum Ekonomiku Dinji, il-Bank Dinji, l-Istħarriġ dwar il-Kwalità tal-Ħajja Ewropea, l-Ewrobarometru u r-riċerka (https://www.eurosurveillance.org/content/10.2807/1560-7917.ES.2018.23.46.1800516).

**Figura 4.1 – Prototip tad-dashboard għar-reżiljenza soċjali u ekonomika marbuta mal-kriżi tal-COVID-19**




**Il-prototip illustrattiv ta' dashboard għad-dimensjoni ġeopolitika tar-reżiljenza jiffoka fuq il-materja prima.** Provvista sigura ta' materja prima hija prerekwiżit għal ekonomija reżiljenti. Prototip ta' dashboard, ippreżentat fil-panew ta' fuq tal-**Figura 4.2**[190], ġie mħejji biex jagħti sens tal-vulnerabbiltajiet u tal-kapaċitajiet relattivi tal-Istati Membri fir-rigward tal-provvista tal-materja prima. F'dan l-istadju ma hemmx possibbiltà li tiġi riflessa l-istruttura ekonomika tal-Istati Membri individwali fil-prototip, xi ħaġa li hija limitazzjoni sinifikanti. Madankollu, bħala eżempju, id-dashboard jindika li ħafna pajjiżi jmorru tajjeb f'termini relattivi fir-rigward tad-dipendenza fuq l-importazzjoni ta' metalli komuni, imma ma jistax jingħad l-istess għad-dipendenza fuq l-importazzjoni ta' minerali mhux metalliċi għall-kostruzzjoni[191]. Fost il-kapaċitajiet, in-nefqa fuq l-innovazzjoni fis-setturi materjali hija punt b'saħħtu f'ħafna pajjiżi.

[190] Il-punti tat-tluq huma t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Materja Prima 2018 (https://ec.europa.eu/growth/content/raw-materials-scoreboard-2018_mt) u l-metodoloġija tal-valutazzjoni tan-natura kritika (Blengini *et al.*, 2017, https://doi.org/10.2760/73303). Is-sorsi jinkludu l-Kummissjoni, il-Bażi tad-*Data* Dinjija dwar l-Estrazzjoni, il-bażi tad-*data* dwar il-Produzzjoni Dinjija tal-Minerali tal-British Geological Survey, u l-istatistika storika tal-US Geological Survey.

[191] Madankollu, f'termini assoluti, id-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-metalli komuni hija ogħla minn dik għall-minerali mhux metalliċi.

**Figura 4.2 — Prototip ta' dashboards għad-dimensjonijiet ġeopolitiċi, ekoloġiċi u diġitali tar-reżiljenza**




**Il-prototip illustrattiv ta' dashboard għad-dimensjoni ekoloġika tar-reżiljenza jiffoka fuq it-tibdil fil-klima u l-ambjent.** Dan huwa ppreżentat fil-panew tan-nofs tal-**Figura 4.2**[192]. F'dan l-eżempju illustrattiv, indikaturi bħas-sehem tal-popolazzjoni koperta mill-Patt tas-Sindki u d-daqs taż-żoni protetti ta' Natura 2000 jipprovdu stampa relattivament pożittiva għal ħafna pajjiżi. B'kuntrast ma' dan, l-isfruttament tal-ilma, it-telfien tal-bijodiversità, l-assorbiment tal-gassijiet serra mill-ekosistemi, in-nefqa pubblika fuq il-protezzjoni ambjentali u l-frekwenza u l-fatalità ta' għargħar, maltempati u nirien fil-foresti jitfgħu dawl fuq debbulizzi potenzjali.

**Dashboard tar-reżiljenza diġitali jista' jkompli jiġi żviluppat fuq il-bażi tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI).** Il-panew ta' isfel tal-**Figura 4.2** jippreżenta ġabra ta' indikaturi tad-DESI tal-kapaċitajiet tar-reżiljenza diġitali, bħall-governanza elettronika u l-ħiliet diġitali. Dawn huma kkomplementati b'oħrajn li l-importanza tagħhom ġiet enfasizzata fil-kriżi tal-COVID-19, bħat-telexogħol u s-saħħa elettronika. Skont dawn l-indikaturi, ħafna pajjiżi għandhom kapaċitajiet b'saħħithom fl-oqsma tal-gvern elettroniku u l-ekonomija diġitali b'mod ġenerali. Dan jirrifletti penetrazzjoni u adozzjoni mtejba tat-teknoloġiji ġodda.

192 Il-punt tat-tluq huwa l-indiċi tal-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima tal-UE (Miola *et al.*, 2015, https://doi.org/10.2788/516387), ikkomplementat b'varjabbli addizzjonali li jiddeskrivu l-isforzi u l-kisbiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Is-sorsi tad-*data* jinkludu l-Bank Dinji, l-FAO, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, il-Bażi tad-*Data* dwar Avvenimenti ta' Emerġenza taċ-Ċentru għar-Riċerka dwar l-Epidemjoloġija tad-Diżastri (EM-DAT), il-ġabriet tad-*data* ta' diversi istituzzjonijiet tar-riċerka, l-Ewrobarometru u l-Eurostat.

Fl-istess ħin, il-ħiliet tal-ICT, il-kapaċitajiet tat-telexogħol u l-użu tas-saħħa elettronika juru stampa aktar kontrastanti.

#### *4.1.2 Ħidma futura għall-monitoraġġ tar-reżiljenza*

**Il-prototipi tad-dashboards huma ppreżentati bħala eżempju. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa d-dashboards tar-reżiljenza f'perspettiva orjentata lejn il-ġejjieni.** Id-dashboards se jiġu informati minn prospettiva strateġika, li tista' tgħin biex jiġu identifikati sfidi emerġenti u jiġu proposti indikaturi ġodda li jħarsu 'l quddiem biex jiġu vvalutati l-vulnerabbiltajiet jew il-kapaċitajiet. Billi r-reżiljenza hija karatteristika li trid titjieb maż-żmien, l-iffukar ta' din il-ħidma jkun fuq iż-żmien medju u twil. B'dan il-mod ikunu possibbli l-aħjar kundizzjonijiet għal politika bbażata fuq il-prospettiva li telimina l-vulnerabbiltajiet u ssaħħaħ il-kapaċitajiet. Dan iqis l-impatt tal-megatendenzi u tar-riskji antiċipati. Pereżempju, id-dashboard għar-reżiljenza soċjali u ekonomika jestendi lil hinn mill-kuntest tal-COVID-19, b'konnessjoni mill-qrib mat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Barra minn hekk, kwistjonijiet usa' bħall-kummerċ, inklużi l-ktajjen tal-valur, is-sigurtà, u aspetti oħra tal-politika barranija bħall-kooperazzjoni internazzjonali jistgħu jitqiesu għal dashboard ġeopolitiku aktar komprensiv. F'dak li għandu x'jaqsam mad-dashboard tar-reżiljenza ekoloġika, jistgħu jiġu integrati wkoll kwistjonijiet lil hinn mit-tibdil fil-klima, bħall-preservazzjoni tar-riżorsi naturali, l-impatt tat-tniġġis, il-kwalità tal-ilma u tal-ħamrija, ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema jew riallokazzjoni u innovazzjoni fl-impjiegi dovuta għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika. Se tingħata l-akbar attenzjoni biex jiġu żgurati l-konsistenza u l-koerenza mas-sistemi ta' monitoraġġ eżistenti tal-UE li qed jiġu żviluppati fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Jenħtieġ li jintuża dashboard tar-reżiljenza diġitali biex jiġu identifikati l-oqsma tat-teknoloġija diġitali fejn l-awtonomija strateġika tal-UE tkun f'riskju u fejn jenħtieġ li jiġu mmirati l-investimenti. Barra minn hekk, il-prospettiva strateġika tista' tintuża biex tiġi aġġustata l-lista ta' indikaturi biex tkun tinkludi, pereżempju, il-ħiliet meħtieġa jew il-vulnerabbiltajiet marbuta mal-użu mifrux ta' teknoloġiji futuri bħall-IA[193], l-għadd ta' impjiegi f'riskju bħala riżultat ta' żieda fl-awtomatizzazzjoni, jew impjiegi ġodda li jistgħu jinħolqu mill-bidla implikata lejn servizzi personali.

**Jistgħu jiġu previsti wkoll indikaturi aggregati fil-livell tal-UE u indiċi sintetiku tar-reżiljenza.** Fuq il-bażi tad-dashboards tar-reżiljenza, kif ukoll l-għarfien u l-indikaturi eżistenti, id-diskussjonijiet futuri mal-partijiet ikkonċernati ewlenin se jimmiraw li jiżviluppaw dawn l-indikaturi fil-livell tal-UE u jesploraw il-fattibbiltà ta' indiċi ta' reżiljenza sintetika. Il-motivazzjoni tiegħu tkun simili għal-loġika li fuqha hija bbażata l-ħidma tal-*Indiċi tal-Prestazzjoni tat-Tranżizzjoni*[194] mistenni. Din il-ħidma esploratorja tista' ssegwi proċess parteċipattiv. Approċċ fl-UE kollha, flimkien mal-istampa pprovduta mill-indiċi,

[193] Sors ewlieni huwa l-inizjattiva *AI Watch* tal-Kummissjoni (https://ec.europa.eu/knowledge4policy/ai-watch_en), li timmonitorja l-kapaċità industrijali, teknoloġika u tar-riċerka, l-adozzjoni u l-iżvilupp tekniku tal-Intelliġenza Artifiċjali u l-impatt tagħha fuq l-ekonomija u s-soċjetà.

[194] Il-Kummissjoni qed tesplora l-possibbiltà li tkejjel it-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà permezz ta' tabella ta' valutazzjoni. Fuq il-bażi tar-rapporti annwali ta' monitoraġġ mill-Eurostat, din it-tabella ta' valutazzjoni tipprovdi ħarsa ġenerali komparabbli internazzjonalment tal-erba' dimensjonijiet kollha tas-sostenibbiltà (ekonomika, ambjentali, soċjali u istituzzjonali), bil-għan li jitħeġġeġ dibattitu pubbliku wiesa' fl-UE kollha.

jikkomplementa l-fehma aktar komprensiva pprovduta mid-dashboards tar-reżiljenza sottostanti.

**Dan l-approċċ wiesa' għall-kejl u l-monitoraġġ tar-reżiljenza jenħtieġ li jikkontribwixxi għal approċċ integrat għall-kejl tal-benesseri tan-nies.** Il-kriżi tal-COVID-19 qajmet dubji dwar l-ordni tal-prijoritajiet tagħna u reġgħet qajmet id-dibattitu pubbliku dwar l-importanza ta' ħafna aspetti tal-kwalità u tas-sostenibbiltà tal-ħajja tal-bniedem, bħall-edukazzjoni, l-introjtu, l-impjiegi u s-saħħa[195]. Wara d-Dikjarazzjoni ta' Istanbul tal-2007 dwar il-Kejl tal-Progress Soċjali u r-rapport tal-2009 tal-Kummissjoni Stiglitz-Sen-Fitoussi kien hemm kunsens qawwi fil-komunità internazzjonali dwar il-ħtieġa li mmorru lil hinn mill-miżuri ekonomiċi konvenzjonali bħall-prodott domestiku gross (PDG), biex il-benesseri jsir mira ta' politika għall-ġenerazzjoni tal-lum kif ukoll ta' għada[196][197]. L-inizjattiva "Lil hinn mill-PDG" wasslet għall-ħolqien ta' oqfsa tal-kejl internazzjonali ewlenin[198] u għal sforzi mill-pajjiżi biex jiżviluppaw sistemi simili, kultant elaborati ħafna, ta' objettivi, miri u skemi tal-kejl nazzjonali. Il-Kummissjoni tappoġġa din il-bidla fundamentali u tieħu approċċ komprensiv simili, waqt li tirrikonoxxi l-interazzjoni kumplessa fost is-sistemi soċjali, ekonomiċi u ambjentali li jinfluwenzaw ir-reżiljenza u l-importanza tagħha għall-kejl tal-benesseri u tas-sostenibbiltà[199].

### 4.2 Attivitajiet orizzontali ta' prospettiva biex jitrawmu politiki effettivi tal-UE mmexxija mit-tranżizzjoni

**Il-prospettiva strateġika tiġi applikata biex tinkiseb perspettiva dinamika u li tħares 'il quddiem tas-sinerġiji u tal-kompromessi fost diversi għanijiet u politiki tal-UE li jwasslu għal approċċ strateġiku koerenti.** Dan jista' jipprovdi kontribut rilevanti għall-proċessi ta' sorveljanza u governanza, partikolarment dawk multidixxiplinari u perjodiċi bħas-Semestru Ewropew u l-monitoraġġ tal-SDGs. Billi jiġi appoġġat fehim sistemiku tal-objettivi strateġiċi fl-oqsma ta' politika kollha, il-prospettiva strateġika tista' tintuża biex tipprovdi analiżi dinamika tas-sinerġiji u tal-kompromessi bejnhom u fil-perjodi ta' żmien. Jenħtieġ li l-prospettiva strateġika tikkontribwixxi għall-ittestjar u t-tisħiħ tal-koerenza tal-koerenza tal-kapaċitajiet ta' monitoraġġ, tbassir u mudellar tal-Kummissjoni. Fil-preżent jintużaw indikaturi u tabelli ta' valutazzjoni differenti fil-Kummissjoni biex iservu diversi għanijiet ta' politika. Il-Kummissjoni tibbaża wkoll fuq previżjonijiet ibbażati fuq esperti u firxa wiesgħa ta' mudelli. Rieżami u valutazzjoni tal-għodod ta' monitoraġġ eżistenti jistgħu jidentifikaw fejn u kif tista' titjieb il-koerenza.

---

[195] Gadredy, J., Jany-Catrice, F., *et al.*, 2020, Se libérer du PIB pour mesurer ce qui compte vraiment, Le Monde.

[196] Ara: l-ewwel Rapport ta' Stiglitz-Sen-Fitoussi tal-2009 (https://ec.europa.eu/eurostat/documents/8131721/8131772/Stiglitz-Sen-Fitoussi-Commission-report.pdf); COM(2009)433 final, PDG u lil hinn: inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel; SWD(2013) 303 final, Progress on 'GDP and beyond' actions; u ż-żewġ volumi tat-tieni rapport ta' Stiglitz-Fitoussi-Durand tal-2018 (https://doi.org/10.1787/9789264307292-en u https://doi.org/10.1787/9789264307278-en).

[197] Il-konferenza ta' livell għoli "Lil hinn mill-PDG", ospitata mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew, mill-Club of Rome, mill-OECD u mid-WWF fl-2007, iffokat l-attenzjoni fuq l-indiċijiet l-aktar xierqa biex jitkejjel il-progress, u kif dawn jistgħu jiġu integrati bl-aħjar mod fil-proċess deċiżjonali. Méda, D., 2020, Promouvoir de nouveaux indicateurs de richesse: 'histoire d'une cause inaboutie', Fondation maison des sciences de l'homme, Collège d'études mondiales; u Durand, M. u Exton, C., 2019, Adopting a Well-Being Approach in Central Government: Policy Mechanisms and Practical Tools, Chapter 8 of the Global Happiness and Wellbeing Policy Report, OECD.

[198] L-eżempji ewlenin huma l-Indiċi tal-Ħajja Aħjar tal-OECD u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Indiċi tal-Żvilupp Uman tan-Nazzjonijiet Uniti.

[199] De Smedt, M., Giovannini, E. and Radermacher, W.J., 2018, Chapter 9: Measuring sustainability, fi Stiglitz J.E., Fitoussi Jean-Paul, Durand Martine (Eds.), 2018, For Good Measure: Advancing Research on Well-being Metrics Beyond GDP, OECD Publishing, Pariġi, pp. 241-276, (https://doi.org/10.1787/9789264307278-11-en).

**Il-prospettiva strateġika tgħin biex tissaħħaħ ir-reżiljenza.** Din il-Komunikazzjoni tibda turi kif l-impatt tal-COVID-19 fuq il-megatendenzi jista' jixħet dawl dinamiku ġdid fuq ir-reżiljenza li qed tevolvi tal-Ewropa. Il-ħidma fuq dan il-kompitu li jħares 'il quddiem se tkompli. Bħala parti minnha, il-Kummissjoni qed tipproponi li tiżviluppa ġabra ta' **xenarji ta' prospettiva ta' referenza** komuni bħala qafas robust li jħares 'il quddiem. Dawn ix-xenarji jgħinu biex jiġu identifikati l-perkorsi potenzjali għat-tranżizzjoni doppja. Dawn se: (i) jipprovdu referenza għad-dibattitu dwar viżjonijiet kondiviżi jew alternattivi ta' futuri preferuti fost il-mexxejja; (ii) jgħinu biex jiżguraw il-koerenza fost il-politiki; u (iii) iservu bħala qafas komuni li jħares 'il quddiem għal proposti ta' politika għall-ittestjar tal-istress jew għat-tnedija ta' valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante*. Dan l-eżerċizzju jista' jikkontribwixxi wkoll għall-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa.

### 4.3 Aġenda tematika ta' prospettiva strateġika

**L-aġenda ta' prospettiva strateġika tal-UE tindirizza suġġetti trasversali fejn il-prospettiva strateġika tista' tapprofondixxi l-fehim tagħna tad-dinamika li tħaddem il-linji tal-politika.** Fost is-suġġetti b'impatt għoli identifikati, il-Kummissjoni se tesplora:

- **Awtonomija strateġika miftuħa**: biex tiġi żgurata l-kompetittività u t-tmexxija globali tal-Ewropa fil-futur u tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħha, il-prospettiva strateġika tista' tgħin biex jiġu esplorati xenarji għal ordni globali ġdid u l-post tal-UE fih, kif ukoll il-kapaċitajiet meħtieġa biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet tagħha. Dan jista' jinkludi d-definizzjoni ta' mogħdijiet għall-kisba tat-tranżizzjonijiet doppji u l-pass li bih jistgħu jinkisbu, l-immappjar ta' teknoloġiji, setturi u prodotti emerġenti kritiċi, u opzjonijiet għal alleanzi industrijali ġodda u d-diversifikazzjoni tas-sħab kummerċjali. F'dan il-kuntest il-prospettiva tista' fost l-oħrajn tippermetti analiżi tal-prospettivi, inkluż fir-rigward tal-istandardizzazzjoni internazzjonali, biex tintuża bħala liver strateġiku mill-UE. Il-ħidma futura possibbli dwar dan is-suġġett titqies ukoll fid-dawl tar-rieżami li jmiss tal-politika kummerċjali tal-UE li tidentifika l-kontribut tagħha għal awtonomija strateġika miftuħa.

- **Il-futur tal-impjiegi u l-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika u matulha**: Kif rikonoxxut fl-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet, it-tranżizzjoni ekoloġika titlob bidla kbira u riallokazzjoni ta' impjiegi u ħiliet, f'firxa wiesgħa ta' setturi u servizzi pubbliċi. Għadha nieqsa ħarsa sistemika lejn il-bidliet fis-suq tax-xogħol xprunati mit-tranżizzjoni ekoloġika. Il-prospettiva tista' tesplora l-mezzi li bihom tista' tiġi żviluppata perspettiva sistemika bħal din, bl-integrazzjoni tat-tagħlimiet li jistgħu jittieħdu minn tranżizzjonijiet industrijali preċedenti. Fuq din il-perspettiva jinbnew l-istrateġiji għat-taħriġ mill-ġdid u l-akkumpanjament tal-persuni li l-impjiegi tagħhom jiġu ttrasformati jew jintilfu minħabba t-tranżizzjoni industrijali. Dan huwa importanti wkoll għall-gwida tal-prijoritajiet futuri tal-UE għall-edukazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja u l-perkorsi tal-migrazzjoni legali, kif ukoll biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta.

- **L-approfondiment tal-ġemellaġġ tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi**: id-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà tagħna u t-tranżizzjoni ekoloġika qed iseħħu fl-istess ħin u huma relatati mill-qrib. Madankollu, l-interazzjonijiet tagħhom jeħtieġ li jinftiehmu u jiġu

sfruttati aħjar. Il-prospettiva strateġika se tesplora kif it-teknoloġiji emerġenti jistgħu jisfruttaw bl-aħjar mod iż-żewġ tranżizzjonijiet, kif huma relatati ma' xulxin u kif jista', pereżempju, jitnaqqas l-impatt ambjentali tat-tranżizzjoni diġitali. Se tesplora wkoll il-ħiliet meħtieġa biex jiġu sfruttati t-teknoloġiji tal-futur, il-modi kif l-IA tista' tiġi skjerata biex tittrasforma l-ekonomija diġitali tagħna u tiffaċilita t-tranżizzjoni ekoloġika, u l-impatti assoċjati fuq l-atturi u l-ktajjen tal-valur Ewropej. Barra minn hekk, tanalizza modi li bihom l-investiment fi proġetti strateġiċi, inkluż bħala parti mill-irkupru, jista' jibbenefika lit-tranżizzjoni ekoloġika kif ukoll dik diġitali.